ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 207

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

6 ta' Awwissu 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport** ([1]) ..... 1

★ **Direttiva 2010/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istandards tal-kwalità u s-sigurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti** ..... 14

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

2010/417/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, mlaqqgħin fil-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra** ..... 30

**Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha** ..... 32

**Prezz: 4 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġislattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2010/40/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-7 ta' Lulju 2010**

**dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Iż-żieda fil-volum tat-trasport bit-triq fl-Unjoni marbut mat-tkabbir tal-ekonomija Ewropea u mal-ħtiġijiet tal-mobbiltà taċ-ċittadini hija l-kawża prinċipali ta' żieda dejjem akbar tal-konġestjoni tal-infrastruttura tat-toroq u tal-konsum tal-enerġija, kif ukoll is-sors ta' problemi ambjentali u soċjali.

(2) It-tweġiba għal dawk l-isfidi kbar ma tistax tkun limitata għal miżuri tradizzjonali, inter alia l-espansjoni tal-infrastruttura eżistenti tat-trasport bit-triq. L-innovazzjoni ser ikollha rwol ewlieni biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa għall-Unjoni.

(3) Is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (sistemi STI) huma applikazzjonijiet avvanzati li, mingħajr ma jinkorporaw l-intelliġenza nnifisha, għandhom l-għan li jagħtu servizzi innovattivi relatati ma' modi ta' trasport differenti u mal-ġestjoni tat-traffiku, jippermettu lill-bosta utenti li jkunu infurmati aħjar u li jagħmlu użu aktar sikur, aktar koordinat u "aktar intelliġenti" min-networks tat-trasport.

(4) Is-sistemi STI jintegraw teknoloġiji tat-telekomunikazzjoni, l-elettronika u l-informazzjoni mal-inġinerija tat-trasport sabiex isir ippjanar, tfassil, tħaddim, manutenzjoni u ġestjoni tas-sistemi tat-trasport. L-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għas-settur tat-trasport bit-triq u l-interkonnessjonijiet tiegħu ma' modi oħra ta' trasport ser tagħti kontribut sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali, l-effiċjenza, inkluża l-effiċjenza enerġetika, is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport bit-triq, inkluż it-trasport ta' oġġetti perikolużi, is-sigurtà pubblika, u l-mobbiltà tal-passiġġieri u l-merkanzija, filwaqt li simultanjament tiżgura l-funzjonament tas-suq intern kif ukoll livelli ogħla ta' kompetittività u impjiegi. Madankollu, l-applikazzjonijiet tas-sistemi STI għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal materji li jikkonċernaw is-sigurtà nazzjonali jew li huma meħtieġa fl-interessi tad-difiża.

(5) L-iżviluppi fil-qasam tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għal modi oħra ta' trasport għandhom issa jkunu riflessi fl-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu żgurati livelli ogħla ta' integrazzjoni f'dak il-qasam bejn it-trasport bit-triq u modi oħra ta' trasport.

(6) F'xi Stati Membri l-applikazzjonijiet nazzjonali ta' dawn it-teknoloġiji diġà qed jiġu varati fis-settur tat-trasport bit-triq. Madankollu, dan il-varar għadu frammentat u mhux ikkoordinat u ma jistax jipprovdi kontinwità ġeografika tas-servizzi tas-sistemi STI fl-Unjoni kollha u fil-fruntieri esterni tagħha.

([1]) ĠU C 277, 17.11.2009, p. 85.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(7) Biex ikun żgurat varar ikkoordinat u effettiv tas-sistemi STI fl-Unjoni b'mod ġenerali, għandhom jiddaħħlu speċifikazzjonijiet, inkluż, fejn ikun il-każ, standards, li jiddefinixxu aktar id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati. Qabel ma tadotta xi speċifikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-konformità tagħhom ma' ċerti prinċipji definiti li jinsabu fl-Anness II. Għandha tingħata prijorità primarjament lill-erba' oqsma ewlenin tal-iżvilupp u l-varar tas-sistemi STI. F'dawk l-erba' oqsma, għandhom jiġu stabbiliti azzjonijiet prijoritarji għall-iżvilupp u l-użu ta' speċifikazzjonijiet u standards. Matul l-implimentazzjoni ulterjuri tas-sistemi STI, l-infrastruttura eżistenti tas-sistemi STI stabbilita minn Stati Membri partikolari għandha titqies f'termini tal-progress teknoloġiku u tal-isforzi finanzjarji magħmulha.

(8) Meta att leġislattiv jiġi adottat kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) ta' din id-Direttiva, it-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(9) L-ispeċifikazzjonijiet għandhom fost l-oħrajn iqisu u jibnu fuq l-esperjenza u r-riżultati li diġà nkisbu fil-qasam tas-sistemi STI, b'mod partikolari fil-kuntest tal-inizjattiva "Sikurezza Elettronika", imnedija mill-Kummissjoni f'April 2002. Il-Forum dwar is-"Sikurezza Elettronika" ġie stabbilit mill-Kummissjoni taħt dik l-inizjattiva sabiex jippromwovi u jkompli jimplimenta r-rakkommandazzjonijiet biex issostni l-iżvilupp, il-varar u l-użu tas-sistemi tas-"Sikurezza Elettronika".

(10) Vetturi li jitħaddmu l-aktar għall-interess storiku tagħhom u li oriġinarjament ġew reġistrati u/jew mogħtija approvazzjoni tat-tip u/jew tqiegħdu fis-servizz qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u tal-miżuri implimentattivi tagħha, m'għandhomx jiġu affettwati mir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'din id-Direttiva.

(11) Is-sistemi STI għandhom jibnu fuq sistemi interoperabbli li huma bbażati fuq standards pubbliċi u li huma disponibbli fuq bażi non-diskriminatorja għall-fornituri u utenti kollha tal-applikazzjonijiet u tas-servizzi.

(12) Il-varar u l-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI ser jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali. Tali pproċessar għandu jitwettaq f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, kif stabbiliti partikolarment fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]) u fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([2]). Fost l-oħrajn, il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data għandhom ikunu applikati għal applikazzjonijiet tas-sistemi STI.

(13) Għandha tkun imħeġġa l-anonimizzazzjoni bħala wieħed mill-prinċipji tat-tisħiħ tal-privatezza tal-individwi. Sa fejn jikkonċerna kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data u l-privatezza fil-qasam tal-varar tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta aktar, kif ikun meħtieġ, mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u titlob l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni ta' Individwi dwar Ipproċessar ta' Data Personali stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE.

(14) Il-varar u l-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI, u b'mod partikolari l-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar, ser jinvolvi l-ipproċessar u l-użu ta' data dwar it-toroq, it-traffiku u l-ivvjaġġar li tagħmel parti minn dokumenti miżmuma minn entitajiet tas-settur pubbliku tal-Istati Membri. Dan l-ipproċessar u l-użu għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku ([3]).

(15) Fejn ikun il-każ, l-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati li jistabbilixxu l-proċedura li tirregola l-valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti jew jekk humiex tajbin biex jintużaw. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ([4]), b'mod partikolari fir-rigward tal-moduli għad-diversi fażijiet tal-proċeduri għall-validazzjoni tal-konformità. Minħabba li d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) tistabbilixxi diġà qafas għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur u għall-partijiet jew tagħmir relatat tagħhom, u d-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jistabbilixxu regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti u tratturi agrikoli jew tal-foresti u tal-partijiet jew tagħmir relatat tagħhom. Għalhekk, ikun hemm duplikazzjoni tal-ħidma kieku kellha tkun prevista valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir u l-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi. Simultanjament, għalkemm dawk id-Direttivi japplikaw għat-tagħmir relatat mas-sistemi STI installat fil-vetturi, huma ma japplikawx għat-tagħmir u s-software tas-sistemi STI tal-infrastruttura esterna tat-toroq. F'dawn il-każijiet, l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jipprevedu proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu limitati għal dak li jkun meħtieġ f'kull każ separat.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
([3]) ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.
([4]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.
([5]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
([6]) ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1.
([7]) ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1.

(16) Għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI li jeħtieġu servizzi ta' kronometraġġ u pożizzjonament preċiżi u ggarantiti, għandhom jintużaw infrastrutturi li jiddependu mis-satelliti jew kwalunkwe teknoloġija li tipprovdi livell ekwivalenti ta' preċiżjoni, bħal dawk stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati (1) u r-Regolament (KE) Nru 683/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (2).

(17) Għar-realizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tas-sistemi STI, b'mod partikolari għal-lokalizzazzjoni u t-traċċar tal-merkanzija matul il-vjaġġ tagħha u bejn modi differenti ta' trasport, għandhom jintużaw teknoloġiji innovattivi bħall-Apparati tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) jew l-EGNOS/Galileo.

(18) Il-partijiet konċernati ewlenin bħal fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI, l-assoċjazzjonijiet ta' dawk li jużaw is-sistemi STI, l-operaturi tat-trasport u tal-faċilitajiet, rappreżentanti tal-industrija tal-manifattura, l-imsieħba soċjali, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-awtoritajiet lokali għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar l-aspetti kummerċjali u tekniċi tal-varar tas-sistemi STI fl-Unjoni. Għal dan l-għan il-Kummissjoni, waqt li tiżgura l-kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet konċernati u l-Istati Membri, għandha twaqqaf grupp konsultattiv dwar is-sistemi STI. Il-ħidma tal-grupp konsultattiv għandha titwettaq b'mod trasparenti u r-riżultat għandu jkun disponibbli għall-kumitat stabbilit b'din id-Direttiva.

(19) Għandu jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' kriterji u miżuri non-obbligatorji sabiex tkun faċilitata l-kooperazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-oqsma ta' prijorità għas-sistemi STI kif ukoll fir-rigward ta' linji gwida għar-rappurtar mill-Istati Membri u ta' programm ta' ħidma.

(20) Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea (TFUE), ir-regoli u l-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni ta' setgħat implimentattivi għandhom jiġu stabbiliti minn qabel b'Regolament adottat skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Sa meta jiġi adottat dak ir-Regolament ġdid, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (3) għandhom jibqgħu jiġu applikati.

(21) Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet adegwati matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq livell ta' esperti.

(22) Sabiex jiġi żgurat approċċ ikkoordinat, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn l-attivitajiet tal-kumitat stabbilit b'din id-Direttiva u dawk tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fl-Unjoni (4), il-Kumitat stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) (Nru) 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (5), u l-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2007/46/KE u l-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Unjoni Ewropea (INSPIRE) (6).

(23) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura varar kkoordinat u koerenti ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti li jkunu interoperabbli fl-Unjoni kollha, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u/jew mis-settur privat u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(24) F'konformità mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ta' appoġġ għall-varar u l-użu kkoordinati u koerenti tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (sistemi STI) fl-Unjoni, b'mod partikolari bejn il-fruntieri bejn l-Istati Membri, u tistipula l-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għal dak l-iskop.

2. Din id-Direttiva tipprevedi l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet għall-azzjonijiet fl-oqsma ta' prijorità msemmijin fl-Artikolu 2, kif ukoll l-iżvilupp, fejn ikun il-każ, tal-istandards meħtieġa.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI fil-qasam tat-trasport bit-triq u l-interkonnessjonijiet tagħhom ma' modi oħra ta' trasport mingħajr preġudizzju għal kwistjonijiet rigward is-sigurtà nazzjonali jew meħtieġa fl-interess tad-difiża.

(1) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.
(2) ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.
(3) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
(4) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124.
(5) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.
(6) ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

*Artikolu 2*

**Oqsma ta' prijorità**

1. Għall-fini ta' din id-Direttiva dawn li ġejjin għandhom ikunu l-oqsma ta' prijorità għall-iżvilupp u l-użu ta' speċifikazzjonijiet u standards:

— I. użu ottimali tad-data dwar it-toroq, it-traffiku u l-ivvjaġġar;

— II. kontinwità tas-servizzi tas-sistemi STI ta' ġestjoni tat-traffiku u l-merkanzija;

— III. applikazzjonijiet tas-sistemi STI għas-sikurezza u s-sigurtà fit-toroq;

— IV. kollegament tal-vettura mal-infrastruttura tat-trasport.

2. L-ambitu tal-oqsma ta' prijorità hu speċifikat fl-Anness I.

*Artikolu 3*

**Azzjonijiet ta' prijorità**

Dawn li ġejjin għandhom ikunu azzjonijiet ta' prijorità għall-oqsma ta' prijorità imsemmijin fl-Artikolu 2 għall-iżvilupp u l-użu ta' speċifikazzjonijiet u standards, kif stabbilit fl-Anness I:

(a) il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha;

(b) il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha;

(c) data u proċeduri għall-forniment, fejn ikun possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq mingħajr ħlas għall-utenti;

(d) il-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha;

(e) il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet ta' parkeġġ bla periklu u sikuri għal trakkijiet u vetturi kummerċjali;

(f) il-forniment ta' servizzi ta' rriżervar għal postijiet ta' parkeġġ bla periklu u sikuri għal trakkijiet u vetturi kummerċjali.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Sistemi ta' Trasport Intelliġenti" jew "sistemi STI" tfisser sistemi li fihom ikunu applikati teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fis-settur tat-trasport bit-triq, inklużi l-infrastruttura, il-vetturi u l-utenti, u fil-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tal-mobbiltà, kif ukoll għal interkonnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport;

(2) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità tas-sistemi, u tal-proċessi industrijali li dawn is-sistemi jissejsu fuqhom, li jiskambjaw id-data u jikkondividu l-informazzjoni u l-konoxxenza;

(3) "applikazzjoni tas-sistemi STI" tfisser strument operattiv għall-applikazzjoni tas-sistemi STI;

(4) "servizzi tas-sistemi STI" tfisser il-forniment ta' applikazzjoni tas-sistemi STI permezz ta' qafas organizzattiv u operattiv definit sew bl-għan li jikkontribwixxi għas-sikurezza tal-utenti, l-effiċjenza, il-kumdità u/jew il-faċilitazzjoni jew is-sostenn tal-operat tat-trasport u l-ivvjaġġar;

(5) "fornitur tas-servizzi tas-sistemi STI" tfisser kwalunkwe fornitur ta' servizz tas-sistemi STI, kemm jekk pubbliku jew privat;

(6) "utent tas-sistemi STI" tfisser kwalunkwe utent tal-applikazzjonijiet jew is-servizzi tas-sistemi STI fosthom il-vjaġġaturi, l-utenti vulnerabbli tat-toroq, l-utenti u l-operaturi tal-infrastruttura tat-trasport bit-triq, il-ġesturi tal-flotot u l-operaturi tas-servizzi tal-emerġenza;

(7) "utenti vulnerabbli tat-toroq" tfisser utenti tat-toroq mingħajr vettura bil-mutur, bħal pereżempju n-nies mexjin fit-triq u ċ-ċiklisti, kif ukoll is-sewwieqa tal-muturi u l-persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà u orjentament limitati;

(8) "apparat nomadiku" tfisser apparat tal-komunikazzjoni jew tal-informazzjoni li jista' jinġarr ġo vettura b'appoġġ għall-kompitu tas-sewqan u/jew l-operazzjonijiet tat-trasport;

(9) "pjattaforma" tfisser unità ta' abbord jew mhux ta' abbord li tippermetti l-varar, il-forniment, l-isfruttar u l-integrazzjoni ta' applikazzjonijiet u servizzi tas-sistemi STI;

(10) "arkitettura" tfisser id-disinn kunċettwali li jiddefinixxi l-istruttura, l-imġiba u l-integrazzjoni ta' sistema speċifika fil-kuntest ta' madwarha;

(11) "interkonnessjoni" tfisser faċilità bejn sistemi li tipprovdi l-mezzi li bihom jistgħu jikkollegaw u jaġixxu ma' xulxin;

(12) "kompatibbiltà" tfisser il-kapaċità ġenerali ta' apparat jew sistema li taħdem ma' apparat jew sistema oħra mingħajr modifika;

(13) "kontinwità tas-servizzi" tfisser il-kapaċità li jkunu żgurati servizzi mingħajr interruzzjoni fin-netwerks tat-trasport fl-Unjoni kollha;

(14) "data it-toroq" tfisser data dwar il-karatteristiċi tal-infrastruttura tat-toroq, inklużi s-sinjali tat-traffiku mwaħħlin jew l-attributi regolatorji tagħhom tas-sikurezza;

(15) "data dwar it-traffiku" tfisser data storika u f'ħin reali dwar il-karatteristiċi tat-traffiku fit-toroq;

(16) "data dwar l-ivvjaġġar" tfisser data bażika, bħal skedi tal-ħin tat-trasport pubbiku u tariffi, meħtieġa biex tingħata informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali qabel u waqt il-vjaġġ biex tiffaċilita l-ippjanar, l-irriżervar u l-adattament tal-ivvjaġġar;

(17) "speċifikazzjoni" tfisser miżura li torbot li tistipula dispożizzjonijiet li fihom rekwiżiti, proċeduri jew kwalunkwe regola oħra rilevanti;

(18) "standard" tfisser standard kif definit fl-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi ([1]).

*Artikolu 5*

**Varar tas-sistemi STI**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6 jiġu applikati fir-rigward tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI, meta dawn ikunu varati, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li jiddeċiedi dwar il-varar min-naħa tiegħu ta' dawn l-applikazzjonijiet u s-servizzi fit-territorju tiegħu. Dan id-dritt huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att leġislattiv adottat taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2).

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jagħmlu sforz sabiex jikkooperaw fir-rigward tal-oqsma ta' prijorità, safejn ma jkunux ġew adottati speċifikazzjonijiet.

*Artikolu 6*

**Speċifikazzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni għandha l-ewwel tadotta l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa biex tiżgura l-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-kontinwità għall-varar u l-użu operattiv tas-sistemi STI għall-azzjonijiet ta' prijorità.

2. Il-Kummissjoni għandha timmira li tadotta speċifikazzjonijiet għal waħda jew aktar mill-azzjonijiet ta' prijorità sas-27 ta' Frar 2013.

Sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għal xi azzjoni ta' prijorità, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun il-każ, wara li twettaq stima tal-impatt inkluża analiżi tal-benefiċċju mqabbel mal-ispiża, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 294 tat-TFUE dwar il-varar ta' dik l-azzjoni ta' prijorità.

3. Ladarba jkunu ġew stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-azzjonijiet ta' prijorità, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet li jiżguraw il-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-kontinwità għall-varar u l-użu operattiv tas-sistemi STI għal azzjonijiet oħra fl-oqsma ta' prijorità.

4. Fejn ikun rilevanti, u skont il-qasam kopert mill-ispeċifikazzjoni, l-ispeċifikazzjoni għandha tinkludi wieħed jew aktar mit-tipi ta' dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) dispożizzjonijiet funzjonali: jiddeskrivu r-rwoli tad-diversi partijiet interessati u l-fluss ta' informazzjoni bejniethom;

(b) dispożizzjonijiet tekniċi li jipprovdu għall-mezzi tekniċi biex jissodisfaw id-dispożizzjonijiet funzjonali;

(c) dispożizzjonijiet organizzattivi li jiddeskrivu l-obbligi proċedurali tad-diversi partijiet interessati;

(d) dispożizzjonijiet dwar servizzi li jiddeskrivu d-diversi livelli ta' servizzi u l-kontenut tagħhom għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI.

5. Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri skont id-Direttiva 98/34/KE l-ispeċifikazzjonijiet għandhom, fejn ikun il-każ, jistipulaw il-kondizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, jistabbilixxu regoli addizzjonali għall-forniment ta' servizzi tas-sistemi STI fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, sakemm dawk ir-regoli ma jostakolawx l-interoperabbiltà.

6. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom, fejn ikun il-każ, ikunu bbażati fuq kwalunkwe standard imsemmi fl-Artikolu 8.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom, fejn ikun il-każ, jipprevedu valutazzjoni tal-konformità skont id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE.

L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness II.

7. Il-Kummissjoni għandha twettaq stima tal-impatt inkluża analiżi tal-benefiċċju mqabbel mal-ispiża qabel l-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet.

*Artikolu 7*

**Atti delegati**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' speċifikazzjonijiet. Fl-adozzjoni ta' dawn l-atti delegati l-Kummissjoni għandha taġixxi f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l- mal-Artikolu 6 u mal-Anness II.

2. Għandu jiġi adottat att delegat separat għal kull azzjoni ta' prijorità.

3. Għall-atti delegati msemmijin f'dan l-Artikolu, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 12, 13 u 14.

([1]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37 (MT: Edizzjoni Speċjali, Kap 13, Vol 020, p. 337).

*Artikolu 8*

**Standards**

1. L-istandards meħtieġa biex ikunu pprovduti interoperabbiltà, kompatibbiltà u kontinwità għall-varar u l-użu operattiv tas-sistemi STI għandhom jiġu żviluppati fl-oqsma ta' prijorità u għall-azzjonijiet ta' prijorità. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat il-kumitat imsemmi fl-Artikolu 15, għandha titlob lill-korpi rilevanti tal-istandardizzazzjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE biex iwettqu kull sforz meħtieġ biex jadottaw dawn l-istandards mill-aktar fis.

2. Meta jinħareġ mandat lill-korpi tal-istandardizzazzjoni, għandhom ikunu rrispettati l-prinċipji stabbiliti fl-Anness II kif ukoll kull dispożizzjoni funzjonali mdaħħla fi speċifikazzjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 6.

*Artikolu 9*

**Miżuri mhux vinkolanti**

Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida u miżuri mhux vinkolanti oħra biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-Istati Membri rigward l-oqsma ta' prijorità f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2).

*Artikolu 10*

**Regoli dwar il-privatezza, is-sigurtà u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tat-tħaddim tas-sistemi STI jitwettaq f'konformità mar-regoli Komunitarji li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE.

2. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data personali tkun protetta kontra l-użu skorrett, fosthom aċċess mhux awtorizzat, tibdil jew telf.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, sabiex tkun żgurata l-privatezza, għandu jkun inkoraġġit l-użu ta' data anonima, fejn ikun il-każ, għat-twettiq tal-applikazzjonijiet u servizzi tas-sistemi STI.

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46 id-data personali għandha tkun ipproċessata biss safejn tali pproċessar huwa meħtieġ għat-twettiq tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI.

4. Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE u b'mod partikolari fejn ikunu involuti kategoriji speċjali ta' data personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet dwar il-kunsens għall-ipproċessar ta' din id-data personali jkunu rrispettati.

5. Id-Direttiva 2003/98/KE għandha tapplika.

*Artikolu 11*

**Regoli dwar ir-responsabbiltà**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà, dwar il-varar u l-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet adottati f'konformità mal-Artikolu 6, ikunu indirizzati f'konformità mal-liġi eżistenti tal-Unjoni, inkluża b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responabbiltà għall-prodotti difettużi ([1]), kif ukoll il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

*Artikolu 12*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perijodu ta' seba' snin wara is-27 ta' Awwissu 2010. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem ta' perijodu ta' ħames snin wara is-27 ta' Awwissu 2010.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14.

*Artikolu 13*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega ta' setgħat għandha tagħmel ħilitha sabiex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma titteħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmemha d-delega ta' setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ. Din għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29, (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Volum 1, p. 257).

*Artikolu 14*

**Oġġezzjonijiet għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat fi żmien perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perijodu għandu jittawwal b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi dan il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.

*Artikolu 15*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Ewropew tas-sistemi STI (EIC).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu għandhom japplikaw l-Artikolu 3 u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

*Artikolu 16*

**Grupp Konsultattiv Ewropew dwar is-sistemi STI**

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Grupp Konsultattiv Ewropew dwar is-sistemi STI biex jagħtiha pariri dwar l-aspetti kummerċjali u tekniċi tal-varar u l-użu tas-sistemi STI fl-Unjoni. Il-grupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli tal-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI, l-assoċjazzjonijiet tal-utenti, l-operaturi tat-trasport u tal-faċilitajiet, l-industrija tal-manifattura, is-sieħba soċjali, l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-awtoritajiet lokali u fora oħra rilevanti.

*Artikolu 17*

**Rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sas-27 ta' Awwissu 2011 rapport dwar l-attivitajiet u l-proġetti nazzjonali tagħhom dwar l-oqsma ta' prijorità.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni sas-27 ta' Awwissu 2012 b'informazzjoni dwar l-azzjonijiet nazzjonali għas-sistemi STI previsti tul il-ħames snin segwenti.

Il-linji gwida għar-rappurtar mill-Istati Membri għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2).

3. Konsegwentement għall-ewwel rapport, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw kull tliet snin dwar il-progress li jkun sar fil-varar tal-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport kull tliet snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkun flimkien ma' analiżi dwar il-funzjonament u l-implimentazzjoni, inklużi r-riżorsi finanzjarji użati u meħtieġa, tal-Artikoli 5 sa 11 u tal-Artikolu 16, u għandu jivvaluta l-ħtieġa li din id-Direttiva tiġi emendata, fejn ikun il-każ.

5. F'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2), il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma, sas-27 ta' Frar 2011. Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi objettivi u dati għall-implimentazzjoni tiegħu kull sena u jekk ikun meħtieġ għandu jipproponi l-adattamenti meħtieġa.

*Artikolu 18*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-27 ta' Frar 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza, u t-test tagħha, għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 20*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-7 ta' Lulju 2010.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BUZEK

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
O. CHASTEL

*ANNESS I*

## OQSMA U AZZJONIJIET TA' PRIJORITÀ

(kif imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3)

— **Qasam ta' prijorità I: Użu ottimali tad-data dwar it-toroq, it-traffiku u l-ivvjaġġar**

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għal użu ottimali tad-data dwar it-toroq, it-traffiku u l-ivvjaġġar għandhom jinkludu dan li ġej:

1. Speċifikazzjonijiet għall-azzjoni ta' prijorità (a)

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha jsiru preċiżi u disponibbli transkonfinalment għall-utenti tas-sistemi STI, abbażi ta':

— id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data eżistenti u preċiża dwar it-toroq u t-traffiku f'ħin reali użata għall-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali għall-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet tas-sikurezza u l-ġestjoni tat-trasport;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet interessati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-sistemi STI, transkonfinalment;

— l-aġġornament f'waqtu tad-data disponibbli dwar it-toroq u t-traffiku għall-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u mill-partijiet interessati;

— l-aġġornament f'waqtu tal-informazzjoni dwar l-ivjaġġar multimodali mill-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI.

2. Speċifikazzjonijiet għall-azzjoni ta' prijorità (b)

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex is-servizzi ta' informazzjoni f'ħin reali dwar it-traffiku fl-UE kollha jsiru preċiżi u disponibbli transkonfinalment għall-utenti tas-sistemi STI, abbażi ta':

— id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-data eżistenti u preċiża dwar it-toroq u t-traffiku f'ħin reali użata għall-informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali għall-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet tas-sikurezza u l-ġestjoni tat-trasport;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet interessati u l-fornituri rilevanti tas-servizzi tas-sistemi STI, transkonfinalment;

— l-aġġornament f'waqtu tad-data disponibbli dwar it-toroq u t-traffiku użata għall-informazzjoni f'ħin reali dwar it-traffiku mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u mill-partijiet interessati;

— l-aġġornament f'waqtu tal-informazzjoni f'ħin reali dwar it-traffiku mill-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI.

3. Speċifikazzjonijiet għall-azzjonijiet ta' prijorità (a) u (b)

3.1. Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa għall-ġbir mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u/jew, fejn hu rilevanti, mis-settur privat tad-data dwar it-toroq u t-traffiku (jiġifieri l-pjani taċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti tat-traffiku u r-rotot rakkomandati, speċjalment għall-vetturi kbar tal-merkanzija) u għall-għoti ta' dawn lill-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI, ibbażata fuq:

— id-disponibbiltà, għall-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI, ta' data eżistenti dwar it-toroq u t-traffiku (jiġifieri l-pjani taċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti tat-traffiku u rotot rakkomandati) miġbura mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u/jew mis-settur privat;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI;

— l-aġġornament f'waqtu, mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u/jew, fejn rilevanti, is-settur privat, ta' data dwar it-toroq u t-traffiku (jiġifieri l-pjani taċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku, ir-regolamenti tat-traffiku u r-rotot rakkomandati);

— l-aġġornament f'waqtu, mill-fornituri tas-servizzi tas-sistemi STI, tas-servizzi u l-applikazzjonijiet tas-sistemi STI bl-użu ta' din id-data dwar it-toroq u t-traffiku.

3.2. Id-definizzjoni tar-rekwiżiti meħtieġa biex id-data dwar it-toroq, it-traffiku u s-servizzi tat-trasport użata għall-mapep diġitali ssir preċiża u disponibbli, fejn ikun possibbli, għall-produtturi u l-fornituri tas-servizzi tal-mapep diġitali, abbażi ta':

— id-disponibbiltà ta' data eżistenti dwar it-toroq u t-traffiku użata għall-mapep diġitali għall-produtturi u l-fornituri tas-servizzi tal-mapep diġitali;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-partijiet interessati u l-produtturi u l-fornituri privati tal-mapep diġitali;

— l-aġġornament f'waqtu tad-data dwar it-toroq u t-traffiku għall-mapep diġitali mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u mill-partijiet interessati;

— l-aġġornament f'waqtu tal-mapep diġitali mill-produtturi u l-fornituri tas-servizzi tal-mapep diġitali.

4. Speċifikazzjonijiet għall-azzjoni ta' prijorità (c)

Id-definizzjoni tar-rekwiżiti minimi, ta' 'informazzjoni universali dwar it-traffiku' relatati mas-sikurezza fit-toroq, mogħtija, fejn ikun possibbli, mingħajr ħlas għall-utenti kollha tat-toroq, kif ukoll il-kontenut minimu tagħhom, abbażi ta':

— l-identifikazzjoni u l-użu ta' lista standardizzata ta' avvenimenti tat-traffiku relatati mas-sikurezza ('messaġġi universali dwar it-traffiku') li għandhom jiġu kkomunikati lill-utenti tas-sistemi STI mingħajr ħlas;

— il-kompatibbiltà u l-integrazzjoni tal-'messaġġi universali dwar it-traffiku' fis-servizzi tas-sistemi STI għall-informazzjoni f'ħin reali dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar multimodali.

— **Qasam ta' prijorità II: Kontinwità tas-sistemi STI ta' ġestjoni tat-traffiku u tal-merkanzija**

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għall-kontinwità u l-interoperabbiltà tas-servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku u l-merkanzija, b'mod partikolari dwar in-netwerk TEN-T, għandhom jinkludu dan li ġej:

1. Speċifikazzjonijiet għal azzjonijiet oħra

1.1. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tal-Arkitettura Qafas tal-UE tas-sistemi STI, li jindirizzaw speċifikament l-interoperabbiltà, il-kontinwità tas-servizzi u l-aspetti multimodali relatati mas-sistemi STI, inkluż pereżempju t-tikkettjar interoperabbli multimodali, fejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom f'kooperazzjoni mas-settur privat jistgħu jiżviluppaw l-arkitettura tas-sistemi STI tagħhom għall-mobbiltà fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

1.2. Id-definizzjoni tar-rekwiżiti minimi meħtieġa għall-kontinwità tas-servizzi tas-sistemi STI, b'mod partikolari għas-servizzi transkonfinali, għall-ġestjoni tat-trasport tal-passiġġieri permezz ta' modi differenti ta' trasport, abbażi ta':

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku għal data dwar it-traffiku u l-informazzjoni transkonfinali, u fejn ikun il-każ, ir-reġjuni, jew bejn iż-żoni urbani u dawk interurbani, bejn iċ-ċentri rilevanti tal-informazzjoni/kontroll tat-traffiku u l-partijiet interessati differenti;

— l-użu ta' flussi tal-informazzjoni jew interkonnessjonijiet tat-traffiku standardizzati bejn iċ-ċentri rilevanti tal-informazzjoni/kontroll tat-traffiku u partijiet interessati differenti.

1.3. Id-definizzjoni tar-rekwiżiti minimi meħtieġa għall-kontinwità tas-servizzi tas-sistemi STI għall-ġestjoni tal-merkanzija tul il-kurituri tat-trasport u b'modi differenti ta' trasport, abbażi ta':

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku għal data dwar it-traffiku u l-informazzjoni transkonfinali, u fejn ikun il-każ, ir-reġjuni, jew bejn iż-żoni urbani u dawk interurbani, bejn iċ-ċentri rilevanti tal-informazzjoni/kontroll tat-traffiku u l-partijiet interessati differenti;

— l-użu ta' flussi tal-informazzjoni jew interkonnessjonijiet tat-traffiku standardizzati bejn iċ-ċentri rilevanti tal-informazzjoni/kontroll tat-traffiku u partijiet interessati differenti.

1.4. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa fit-twettiq tal-applikazzjonijiet tas-sistemi STI (b'mod partikolari l-lokalizzazzjoni u t-traċċar tal-merkanzija tul il-vjaġġ tagħha u fil-modi kollha ta' trasport) għal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija ('eFreight'), ibbażata fuq:

— id-disponibbiltà tat-teknoloġiji rilevanti tas-sistemi STI u l-użu tagħhom mill-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet tas-sistemi STI;

— l-integrazzjoni tar-riżultati tal-pożizzjonament fl-għodod u ċ-ċentri tal-ġestjoni tat-traffiku.

1.5. Id-definizzjoni tal-interkonnessjonijiet meħtieġa biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà bejn l-arkitettura urbana tas-sistemi STI u l-arkitettura Ewropea tas-sistemi STI, abbażi ta':

— id-disponibbiltà tad-data dwar it-trasport pubbliku, l-ippjanar tal-vjaġġi, id-domanda għat-trasport, it-traffiku u l-parkeġġ għaċ-ċentri u l-fornituri tas-servizzi tal-kontroll urbani;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku tad-data bejn iċ-ċentri u l-fornituri tas-servizzi differenti tal-kontroll urbani għat-trasport pubbliku jew privat u bejn il-modi kollha possibbli ta' trasport;

— l-integrazzjoni tad-data u l-informazzjoni kollha rilevanti f'arkitettura waħda.

— **Qasam ta' prijorità III: Applikazzjonijiet tas-sistemi STI għas-sikurezza u s-sigurtà fit-toroq**

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tal-applikazzjonijiet tas-sistemi STI għas-sikurezza u s-sigurtà fit-toroq għandhom jinkludu dan li ġej:

1. Speċifikazzjonijiet għall-azzjoni ta' prijorità (d)

Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha, li jinkludu:

— id-disponibbiltà tad-data obbligatorja tas-sistemi STI fil-vetturi li trid tiġi skambjata;

— id-disponibbiltà tat-tagħmir meħtieġ fiċ-ċentri ta' rispons għal sejħiet ta' emerġenza li jirċievu d-data li tkun ntbagħtet mill-vetturi;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku ta' data bejn il-vetturi u ċ-ċentri ta' rispons għal sejħiet ta' emerġenza.

2. Speċifikazzjonijiet għall-azzjoni ta' prijorità (e)

Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jipprovdu servizzi ta' informazzjoni bbażati fuq is-sistemi STI għal postijiet ta' parkeġġ bla periklu u sikuri għal trakkijiet u vetturi kummerċjali, b'mod partikolari f'żoni ta' servizz u serħan fit-toroq, abbażi ta':

— id-disponibblità tal-informazzjoni dwar il-parkeġġ fit-toroq għall-utenti;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku ta' data bejn is-siti tal-parkeġġ fit-toroq, iċ-ċentri u l-vetturi.

3. Speċifikazzjonijiet għall-azzjoni ta' prijorità (f)

Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jipprovdu servizzi ta' rriżervar ibbażati fuq is-sistemi STI għal postijiet ta' parkeġġ bla periklu u sikuri għal trakkijiet u vetturi kummerċjali abbażi ta':

— id-disponibblità tal-informazzjoni dwar il-parkeġġ fit-toroq għall-utenti;

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju elettroniku ta' data bejn is-siti tal-parkeġġ fit-toroq, iċ-ċentri u l-vetturi;

— l-integrazzjoni tat-teknoloġiji rilevanti tas-sistemi STI kemm fil-vetturi kif ukoll fil-faċilitajiet tal-parkeġġ fit-toroq biex tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar l-ispazji ta' parkeġġ disponibbli għall-finijiet ta' rriżervar.

4. Speċifikazzjonijiet għal azzjonijiet oħra

4.1. id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-appoġġ tas-sikurezza tal-utenti tat-toroq fir-rigward tal-Interkonnessjoni bejn il-Magni u l-Bniedem abbord il-vetturi u l-użu ta' apparat nomadiku biex jappoġġja l-attività tas-sewqan u/jew l-operazzjoni ta' trasport, kif ukoll is-sigurtà tal-komunikazzjonijiet fil-vetturi;

4.2. id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jittejbu s-sikurezza u l-kumdità tal-utenti vulnerabbli tat-toroq għall-applikazzjonijiet rilevanti kollha tas-sistemi STI;

4.3. id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jintegraw is-sistemi tal-informazzjoni avvanzati tal-appoġġ għas-sewwieqa fl-infrastruttura tat-toroq u l-vetturi li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2007/46/KE, 2002/24/KE u 2003/37/KE.

— **Qasam ta' prijorità IV: Kollegament tal-vettura mal-infrastruttura tat-trasport**

L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards għall-kollegament ta' vetturi mal-infrastruttura tat-trasport għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

1. Speċifikazzjonijiet għal azzjonijiet oħra:

1.1. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex jiġu integrati l-applikazzjonijiet differenti tas-sistemi STI fi pjattaforma miftuħa fil-vetturi, ibbażata fuq:

— l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti funzjonali tal-applikazzjonijiet eżistenti jew ippjanati tas-sistemi STI;

— id-definizzjoni ta' arkitettura b'sistema miftuħa li tiddefinixxi l-funzjonalitajiet u l-interkonnessjonijiet meħtieġa għall-interoperabbiltà/interkonnessjoni mas-sistemi u l-faċilitajiet tal-infrastruttura;

— l-integrazzjoni tal-applikazzjonijiet tas-sistemi STI ġodda jew aġġornati fil-futur b'sistema ta' 'qabbad u uża' fi pjattaforma miftuħa fil-vetturi;

— l-użu tal-proċess tal-istandardizzazzjoni għall-adozzjoni tal-arkitettura, u l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa fil-vetturi.

1.2. Id-definizzjoni tal-miżuri meħtieġa sabiex isir aktar progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi koope-rattivi (vettura-vettura, vettura-infrastruttura, infrastruttura-infrastruttura), ibbażata fuq:

— il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' data jew informazzjoni bejn vetturi, infrastruttura u bejn il-vettura u l-infras-truttura;

— id-disponibbiltà tad-data jew l-informazzjoni rilevanti li ser tiġi skambjata għall-partijiet rispettivi tal-vetturi jew tal-infrastruttura tat-toroq;

— l-użu ta' format standardizzat tal-messaġġi għal dan l-iskambju tad-data jew informazzjoni bejn il-vetturi u l-infrastruttura;

— id-definizzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-iskambju ta' data jew informazzjoni bejn vetturi, infrastrutturi u bejn il-vetturi u l-infrastruttura;

— l-użu ta' proċessi ta' standardizzazzjoni għall-adozzjoni tal-arkitetturi rispettivi.

*ANNESS II*

PRINĊIPJI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET U L-VARAR TAS-SISTEMI STI

(kif imsemmijin fl-Artikoli 5, 6 u 8)

L-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet, il-ħruġ tal-mandati għall-istandards u l-għażla u l-varar tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni tal-ħtiġijiet li tinvolvi l-partijiet kollha interessati, u għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin. Dawn il-miżuri għandhom:

a) **Ikunu effettivi** — jagħtu kontribut tanġibbli għas-soluzzjoni tal-isfidi prinċipali li jaffettwaw it-trasport bit-triq fl-Ewropa (pereżempju t-tnaqqis tal-konġestjoni, it-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija, il-ksib ta' livelli ogħla ta' sikurezza u sigurtà inkluż għall-utenti vulnerabbli tat-toroq);

b) **Ikunu effettivi vis-à-vis l-ispiża** — jottimizzaw il-proporzjon ta' prestazzjoni relattivament għall-ispejjeż fir-rigward tal-objettivi milħuqa;

c) **Ikunu proporzjonati** — jipprevedu, fejn ikun il-każ, livelli differenti ta' kwalità u varar tas-servizz li jistgħu jinkisbu, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

d) **Jappoġġaw il-kontinwità tas-servizzi** — jiżguraw servizzi mingħajr interruzzjoni fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fuq in-netwerk trans-Ewropew, u fejn ikun possibbli fil-fruntieri esterni tagħha, meta jiġu varati is-servizzi tas-sistemi STI. Il-kontinwità tas-servizzi għandha tkun żgurata, f'livell adattat għall-karatteristiċi tan-netwerks tat-trasport li jikkollegaw pajjiżi ma' pajjiżi, u fejn ikun il-każ, reġjuni ma' reġjuni u bliet ma' żoni rurali;

e) **Jipprovdu interoperabbiltà** — jiżguraw li s-sistemi u l-proċessi tan-negozju sottostanti jkollhom il-kapaċità li jagħmlu skambju ta' data u jikkondividu informazzjoni u konoxxenza sabiex ikun jista' jiġi pprovdut servizz effettiv tas-sistemi STI;

f) **Jirrispettaw il-kompatibbiltà b'lura** — jiżguraw, fejn ikun il-każ, il-kapaċità għas-sistemi tas-sistemi STI li jaħdmu mas-sistemi eżistenti li jikkondividu għan komuni, mingħajr ma jostakolaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

g) **Jirrispettaw il-karatteristiċi nazzjonali tal-infrastruttura u tan-netwerk** — iqisu d-differenzi li hemm fil-karatteristiċi tan-netwerks tat-trasport, b'mod partikolari fid-daqsijiet tal-volumi tat-traffiku u fil-kondizzjonijiet tat-temp fit-toroq;

h) **Jippromwovu l-ugwaljanza tal-aċċess** — la jimpedixxu u lanqas jiddiskriminaw kontra l-aċċess għall-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI mill-utenti vulnerabbli tat-toroq;

i) **Jappoġġaw il-maturità** — juru, wara valutazzjoni tar-riskju adatta, ir-robustezza tas-sistemi STI innovattivi, permezz ta' livell suffiċjenti ta' żvilupp tekniku u esplojtazzjoni operattiva;

j) **Jipprovdu kwalità fil-kronometraġġ u l-pożizzjonament** — jużaw infrastrutturi li jiddipendu mis-satelliti, jew kwalunkwe teknoloġija li tipprovdi livelli ekwivalenti ta' preċiżjoni għall-finijiet tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-sistemi STI li jeħtieġu servizzi ta' kronometraġġ u pożizzjonament globali, kontinwi, preċiżi u ggarantiti;

k) **Jiffaċilitaw l-intermodalità** — iqisu l-koordinament tad-diversi modi ta' trasport, fejn ikun il-każ, waqt il-varar tas-sistemi STI;

l) **Jirrispettaw il-koerenza** — iqisu r-regoli, il-politika u l-attivitajiet eżistenti tal-Unjoni li jkunu rilevanti fil-qasam tas-sistemi STI, b'mod partikolari fil-qasam tal-istandardizzazzjoni.

# DIRETTIVA 2010/45/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Lulju 2010

## dwar l-istandards tal-kwalità u s-sigurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Matul l-aħħar 50 sena t-trapjant ta' organi sar prassi stabbilita mad-dinja kollha, li ġab miegħu benefiċċji immensi għal mijiet ta' eluf ta' pazjenti. L-użu ta' organi umani (minn hawn 'il quddiem "organi") għal trapjanti żdied regolarment matul l-aħħar żewġ deċennji. It-trapjant ta' organi issa sar l-aktar trattament effettiv għal prezzu għall-insuffiċjenza renali fil-fażi terminali, filwaqt li huwa l-uniku trattament disponibbli għal insuffiċjenza fil-fażi terminali fl-organi bħalma huma l-fwied, il-pulmun u l-qalb.

(2) Madankollu hemm riskji marbuta mal-użu ta' organi fit-trapjant. L-użu terapewtiku estensiv tal-organi għal trapjanti jitlob li l-kwalità u s-sigurtà tagħhom trid tkun tali li timminimizza kwalunkwe riskji marbuta mat-trażmissjoni tal-mard. Sistemi nazzjonali u internazzjonali tat-trapjanti organizzati sew u l-użu tal-aqwa għarfien espert, ta' teknoloġija u trattament mediku innovattiv disponibbli jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti r-riskji assoċjati mal-organi ttrapjantati għar-riċevituri.

(3) Barra minn hekk id-disponibilità ta' organi użati għal għanijiet terapewtiċi tiddependi mill-fatt li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu lesti li jkunu donaturi tagħhom. Sabiex tiġi salvagwardata s-saħħa pubblika u biex tiġi prevenuta t-trażmissjoni ta' mard minn dawn l-organi, għandhom jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni matul il-ksib, it-trasport u l-użu tagħhom.

(4) Kull sena jiġu skambjati organi bejn l-Istati Membri. L-iskambju ta' organi huwa mod importanti ta' kif jiżdied in-numru ta' organi disponibbli u biex jiġi żgurat tqabbil aħjar bejn id-donatur u r-riċevitur u b'hekk tittejjeb il-kwalità tat-trapjant. Dan huwa partikolarment importanti għall-aqwa trattament ta' pazjenti speċifiċi bħal pazjenti li jirrikjedu trattament urġenti, pazjenti ipersensitizzati jew pazjenti pedjatriċi. L-organi disponibbli għandhom ikunu jistgħu jaqsmu l-fruntieri mingħajr problemi u dewmien bla bżonn.

(5) Madankollu, it-trapjant huwa mwettaq minn sptarijiet jew professjonisti li jaqgħu taħt ġuriżdizzjonijiet differenti u hemm differenzi sinifikanti fir-rekwiżiti ta' kwalità u sikurezza bejn l-Istati Membri.

(6) Għalhekk hemm bżonn ta' standards ta' kwalità u sikurezza għall-ksib, it-trasport u l-użu ta' organi fil-livell tal-Unjoni. Dawn l-istandards jiffaċilitaw skambji ta' organi għall-benefiċċju ta' eluf ta' pazjenti Ewropej li għandhom bżonn din it-tip ta' terapija kull sena. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tiżgura li l-organi jikkonformaw mal-istandards rikonoxxuti ta' kwalità u sikurezza. Dawn l-istandards jgħinu biex iserrħu moħħ il-pubbliku li l-organi miksuba minn Stat Membru ieħor igawdu l-istess garanziji ta' kwalità u sikurezza li jgawdu dawk miksuba f'pajjiżhom.

(7) Prattiki inaċċettabbli fid-donazzjoni u t-trapjant ta' organi jinkludu t-traffikar fl-organi, li xi drabi jista' jkun marbut mat-traffikar f'persuni sabiex jittiħdulhom l-organi, li jikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, tad-dinjità tal-bniedem u l-integrità fiżika. Din id-Direttiva, għalkemm l-ewwel għan tagħha huwa s-sikurezza u l-kwalità tal-organi, tikkontribwixxi indirettament għall-ġlieda kontra t-traffikar fl-organi permezz tal-istabbiliment ta' awtoritajiet kompetenti, l-awtorizzazzjoni ta' ċentri ta' trapjant, l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet ta' ksib u sistemi ta' traċċabilità.

([1]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 64.
([2]) ĠU C 192, 15.8.2009, p. 6.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2010.

(8) Skont l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-miżuri adottati skont l-Artikolu 168(4)(a) tiegħu m'għandhomx jaffettwaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-użu mediku tal-organi, u lanqas għalhekk l-att kirurġiku tat-trapjant innifsu. Madankollu, fid-dawl tal-objettiv ta' tnaqqis tar-riskji assoċjati tal-organi ttrapjantati, jinħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ċerti dispożizzjonijiet li jittrattaw it-trapjant u, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet immirati biex jindirizzaw dawk is-sitwazzjonijiet mhux intenzjonati u mhux mistennija li jseħħu waqt it-trapjant li jistgħu jaffettwaw il-kwalità u s-sikurezza tal-organi.

(9) Sabiex jitnaqqsu r-riskji u jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tat-trapjant, jeħtieġ li l-Istati Membri joperaw qafas effettiv għall-kwalità u s-sikurezza. Dak il-qafas għandu jkun implimentat u miżmum matul il-katina kollha mid-donazzjoni sat-trapjant jew ir-rimi, u għandu jkopri l-persunal u l-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa, l-istabbilimenti, it-tagħmir, il-materjali, id-dokumentazzjoni u ż-żamma ta' reġistri involuti. Il-qafas għall-kwalità u s-sikurezza għandu jinkludi verifika meta jkun hemm bżonn. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jiddelegaw it-twettiq ta' attivitiajiet previsti fil-qafas għall-kwalità u s-sikurezza lil korpi speċifiċi li jitqiesu xierqa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, fosthom lil organizzazzjonijiet ta' skambju ta' organi Ewropej.

(10) L-Awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw il-konformità mal-kondizzjonijiet tal-ksib permezz tal-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' ksib. Tali organizzazzjonijiet għandu jkollhom stabbiliti organizzazzjoni xierqa, persunal kwalifikat jew imħarreġ u kompetenti kif xieraq u faċilitajiet u materjali adegwati.

(11) Il-proporzjon tar-riskju meta mqabbel mal-benefiċċju huwa aspett fundamentali tat-trapjant ta' organi. Minħabba fin-nuqqas ta' organi u n-natura inerenti ta' theddida għall-ħajja tal-mard li jwassal għall-ħtieġa għal trapjanti ta' organi, il-benefiċċji kumplessivi ta' trapjant ta' organi huma għolja u jistgħu jiġu aċċettati aktar riskji minn dawk li jittieħdu fit-trattamenti bid-demm jew mill-biċċa l-kbira tat-trattamenti b'tessuti u dawk ibbażati fuq iċ-ċelloli. It-tabib għandu rwol importanti f'dan il-kuntest billi jiddeċiedi jekk l-organi humiex adatti għat-trapjant jew le. Din id-Direttiva tistabbilixxi t-tagħrif meħtieġ biex issir dik il-valutazzjoni.

(12) Il-valutazzjoni ta' qabel it-trapjant ta' donaturi potenzjali hija parti essenzjali ta' trapjant ta' organi. Dik il-valutazzjoni trid tipprovdi biżżejjed tagħrif għaċ-ċentru tat-trapjanti biex issir analiżi sewwa tar-riskju mal-benefiċċju. Jeħtieġ li jiġu identifikati u dokumentati r-riskji u l-karatteristiċi tal-organu sabiex tkun tista' ssir l-allokazzjoni tiegħu lil riċevitur xieraq. Għandu jinġabar tagħrif mill-istorja medika, l-eżami fiżiku u testijiet komplementari ta' donatur potenzjali għall-karatterizzazzjoni xierqa tal-organu u d-donatur. Sabiex tinkiseb storja medika eżatta, affidabbli u oġġettiva, it-tim mediku għandu jagħmel intervista lid-donatur ħaj jew, meta jkun meħtieġ u xieraq, lill-qraba tad-donatur li jkun miet, li matulha t-tim għandu jinfurmahom sew dwar ir-riskji u l-konsegwenzi potenzjali tad-donazzjoni u t-trapjant. Intervista bħal din hija partikolarment importanti minħabba fir-restrizzjonijiet ta' ħin fil-proċess ta'donazzjoni wara l-mewt li jnaqqsu l-possibbiltà tal-esklużjoni ta' mard li jittieħed li jkun potenzjalment serju.

(13) In-nuqqas ta' organi disponibbli għat-trapjant u r-restrizzjonijiet ta' ħin fil-proċess tad-donazzjoni u t-trapjant ta' organi jirrikjedu li jitqiesu dawk is-sitwazzjonijiet fejn it-tim tat-trapjant ma jkollux parti mit-tagħrif meħtieġ għall-karatterizzazzjoni tal-organu u tad-donatur kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness, li tispeċifika sett ta' data minima mandatorja. F'dawk il-każijiet partikolari, it-tim mediku għandu jivvaluta r-riskju partikolari għar-riċevitur potenzjali min-nuqqas ta' tagħrif u minn li ma jsirx it-trapjant tal-organu kkonċernat. Fejn karatterizzazzjoni kompleta ta' organu, skont il-Parti A tal-Anness, ma tkunx tista' ssir fil-ħin jew minħabba ċirkostanzi partikolari, l-organu jista' jitqies għat-trapjant meta l-fatt li ma jsirx it-trapjant jista' jkun ta' riskju akbar għar-riċevitur potenzjali. Il-Parti B tal-Anness, li tirreferi għal sett ta' data komplementari, għandha tippermetti li ssir karatterizzazzjoni aktar dettaljata tal-organu u d-donatur.

(14) Għandu jkun hemm regoli effettivi għat-trasport tal-organi li jottimizzaw il-ħinijiet iskemiċi u jnaqqsu l-ħsara għall-organi. Filwaqt li tinżamm il-kunfidenzjalità medika, il-kontenitur tal-organu għandu jkollu fuqu tikketta ċara bit-tagħrif meħtieġ.

(15) Is-sistema ta' trapjant għandha tiżgura t-traċċabilità tal-organi mid-donazzjoni sar-riċeviment u għandu jkollha l-kapaċità li tiġbed l-attenzjoni f'każ ta' komplikazzjoni mhix mistennija. Għalhekk għandha tiddaħħal fis-seħħ sistema li tagħraf u tinvestiga avvenimenti u reazzjonijiet kuntrarji serji għall-ħarsien tal-interess vitali tal-individwi kkonċernati.

(16) Donatur ta' organi ħafna drabi jkun ukoll donatur tat-tessuti. Ir-rekwiżiti ta' kwalità u sikurezza għall-organi għandhom jikkomplementaw u jkunu marbuta mas-sistema eżistenti tal-Unjoni għal tessuti u ċelluli stipulati fid-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, preservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem ([1]). Dan ma jfissirx li sistemi għal organi u għal tessuti u ċelloli għandhom bilfors ikunu kkollegati elettronikament. Reazzjoni kuntrarja mhux mistennija f'riċevitur jew donatur ta' organi għandha tiġi ttraċċata mill-awtorità kompetenti u rrappurtata permezz tas-sistema ta' notifikazzjoni ta' avvenimenti u reazzjonijiet serji kuntrarji għat-tessuti u ċ-ċelloli kif previst f'dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48.

(17) Persunal tal-kura tas-saħħa involut direttament fid-donazzjoni, l-ittestjar, il-karatterizzazzjoni, il-ksib, il-preservazzjoni, it-trasport u t-trapjant ta' organi umani għandu jkun kwalifikat jew imħarreġ kif xieraq u kompetenti. L-importanza tal-koordinaturi tad-donaturi, li jinħatru fil-livell tal-isptar, ġiet rikonoxxuta mill-Kunsill tal-Ewropa. Ir-rwol tal-koordinatur jew tat-tim ta' koordinazzjoni tad-donaturi għandu jkun rikonoxxut bħala element ewlieni biex jittejbu mhux biss l-effikaċja tal-proċess tad-donazzjoni u t-trapjant, iżda anke l-kwalità u s-sikurezza tal-organi li għandhom jiġu ttrapjantati.

(18) Bħala prinċipju ġenerali, l-iskambju ta' organi ma' pajjiżi terzi għandu jkun sorveljat mill-awtorità kompetenti. L-iskambju ta' organi ma' pajjiżi terzi għandu jiġi permess biss fejn jiġu sodisfatti standards bħal dawk previsti f'din id-Direttiva. Madankollu, għandu jitqies ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet Ewropej eżistenti tal-iskambju ta' organi fl-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri li jieħdu sehem f'organizzazzjonijiet bħal dawn.

(19) L-altruwiżmu huwa fattur importanti fid-donazzjonijiet ta' organi. Biex ikunu żgurati l-kwalità u s-sikurezza tal-organi, programmi ta' trapjant ta' organi għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ta' donazzjoni volontarja u bla ħlas. Dan huwa essenzjali peress li l-ksur ta' dawn il-prinċipji jista' jkun assoċjat ma' riskji inaċċettabbli. Fejn donazzjoni ma tkunx volontarja u/jew issir bil-ħsieb ta' gwadann finanzjarju, il-kwalità tal-proċess ta' donazzjoni tista' tkun ipperikolata, peress li t-titjib tal-kwalità tal-ħajja jew il-fatt li tiġi salvata l-ħajja ta' persuna ma jkunux l-objettiv ewlieni u/jew l-uniku wieħed. Anke jekk il-proċess jiġi żviluppat skont standards ta' kwalità adegwati, storja klinika miksuba jew minn donatur potenzjali ħaj jew mill-qraba ta' donatur potenzjali li jkun miet li qed ifittxu gwadann finanzjarju jew li huma suġġetti għal kwalunkwe tip ta' ġegħil tista' ma tkunx suffiċjentement eżatta fir-rigward ta' dawk il-kondizzjonijiet u/jew mard li huma potenzjalment trażmissibbli mid-donatur għar-riċevitur. Dan jista' jwassal għal problema ta' sikurezza għar-riċevituri potenzjali peress li t-tim mediku jkollu kapaċità limitata għat-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju adegwata. Għandha ssir referenza għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment għall-prinċipju stipulat fl-Artikolu 3(2)(c) tagħha. Dak il-prinċipju huwa mniżżel ukoll fl-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina tal-Kunsill tal-Ewropa, li ħafna Stati Membri rratifikaw. Huwa rifless ukoll fil-Prinċipji ta' Gwida dwar iċ-Ċelloli u t-tessuti Umani u t-Trapjant ta' Organi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li jgħidu li ġisem il-bniedem u l-partijiet tiegħu ma jistgħux ikunu parti minn tranżazzjonijiet kummerċjali.

(20) Prinċipji oħra rikonoxxuti internazzjonalment li jiggwidaw il-prattiki tad-donazzjoni u t-trapjant ta' organi jinkludu, inter alia, iċ-ċertifikazzjoni jew il-konferma tal-mewt skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali qabel ma jinkisbu organi minn persuni mejta u qabel l-allokazzjoni ta' organi abbażi ta' kriterji trasparenti, xjentifiċi u mhux diskriminatorji. Għandha ssir referenza għalihom u għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' Organi.

(21) Diversi mudelli ta' kunsens għad-donazzjoni jikkoeżistu fl-Unjoni, inklużi sistemi 'opting-in' li fihom il-kunsens għad-donazzjoni ta' organi għandu jinkiseb b'mod espliċitu, kif ukoll sistemi 'opting-out' li fihom id-donazzjoni tista' ssir sakemm ma jkunx hemm evidenza ta' xi oġġezzjoni għad-donazzjoni. Sabiex l-individwi jitħallew ifissru x-xewqiet tagħhom f'dan ir-rigward, xi Stati Membri żviluppaw reġistri speċifiċi li fihom iċ-ċittadini jirreġistrawhom. Din id-Direttiva hija bla ħsara għad-diversità wiesgħa tas-sistemi ta' kunsens li diġà qegħdin fis-seħħ fl-Istati Membri. Barra minn hekk, permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' Organi, il-Kummissjoni għandha l-għan li żżid is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar id-donazzjoni ta' organi u b'mod partikolari li tiżviluppa mekkaniżmi li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' donaturi ta' organi fl-Ewropa kollha.

(22) L-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]) jipprojbixxi fil-prinċipju l-ipproċessar ta' data li tikkonċerna s-saħħa filwaqt li tniżżel eżenzjonijiet limitati. Id-Direttiva 95/46/KE titlob ukoll li l-kontrollur jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex titħares id-data personali minn qerda aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, alterazzjoni, żvelar mhux awtorizzat jew aċċess u minn kull forom oħra ta' pproċessar illegali. Għandu jkun żgurat li hemm stabbiliti regoli stretti ta' kunfidenzjalità u miżuri ta' sigurtà għall-protezzjoni tad-data personali tad-donaturi u tar-riċevituri, f'konformità mad-direttiva 95/46/KE. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tista' wkoll tikkonsulta lill-awtorità ta' superviżjoni nazzjonali tal-protezzjoni tad-data rigward l-iżvilupp ta' qafas għat-trasferiment ta' data dwar l-organi minn u lejn pajjiżi terzi. Bħala prinċipju ġenerali, l-identità tar-riċevitur(i) m'għandhiex tingħata lid-donatur jew lill-familja tad-donatur jew viċe versa, bla ħsara għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Istati Membri li, f'kondizzjonijiet speċifiċi, tista' tippermetti li tali informazzjoni ssir disponibbli għad-donatur jew għall-familji tad-donatur u għar-riċevituri tal-organi.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(23) Id-donazzjoni minn persuni ħajjin tikkoeżisti mad-donazzjoni minn persuni mejtin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Id-donazzjoni minn persuni ħajjin evolviet matul is-snin b'mod li jistgħu jinkisbu riżultati tajbin anke fejn ma jkunx hemm relazzjoni ġenetika bejn id-donatur u r-riċevitur. Donaturi ħajjin għandhom ikunu valutati b'mod xieraq biex tiġi ddeterminata l-adattabilità tagħhom għal donazzjoni sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' trażmissjoni tal-mard lir-riċevituri. Barra minn hekk, donaturi ħajjin jiffaċċjaw riskji marbuta kemm mal-ittestjar biex jiġi aċċertat li huma adatti biex ikunu donaturi u kemm mal-proċedura biex jittieħed l-organu. Il-komplikazzjonijiet jistgħu jkunu mediċi, kirurġiċi, soċjali, finanzjarji jew psikoloġiċi. Il-livell ta' riskju jiddependi, b'mod partikolari, mit-tip ta' organu li ser jingħata. Għal-hekk, donazzjonijiet ħajjin iridu jsiru b'tali mod li jimminimizzaw ir-riskju fiżiku, psikoloġiku u soċjali għad-donatur individwali u r-riċevitur u li ma jipperikolax il-fiduċja pubblika fil-komunità tal-kura tas-saħħa. Id-donatur potenzjali ħaj irid ikun kapaċi jieħu deċiżjoni indipendenti fuq il-bażi tat-tagħrif kollu rilevanti u jrid jiġi infurmat bil-quddiem dwar il-fini u n-natura tad-donazzjoni, il-konsegwenzi u r-riskji. F'dan il-kuntest, u biex ikun iggarantit il-ħarsien tal-prinċipji li jirregolaw id-donazzjoni, għandu jkun żgurat l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni ta' donaturi ħajjin. Għandu jkun innutat ukoll li xi Stati Membri huma firmatarji għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina tal-Kunsill tal-Ewropa, u l-protokoll addizzjonali tagħha dwar it-Trapjant ta' Organi u Tessuti ta' Oriġini Umana. Informazzjoni kompleta, evalwazzjoni adatta u segwitu xieraq huma miżuri rikonoxxuti internazzjonalment bil-għan li jipproteġu d-donaturi ħajjin u jikkontribwixxu wkoll għall-iżgurar tal-kwalità u s-sikurezza tal-organi.

(24) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jkollhom rwol ewlieni biex jiżguraw il-kwalità u s-sikurezza tal-organi matul il-katina kollha mid-donazzjoni sat-trapjant u fl-evalwazzjoni tal-kwalità u s-sikurezza tagħhom matul l-irkupru tal-pazjenti u matul il-follow-up sussegwenti. Għal dak l-għan, minbarra s-sistema għar-rappurtar ta' reazzjonijiet u avvenimenti kuntrarji serji, il-ġbir ta' data rilevanti wara t-trapjant huwa meħtieġ għal evalwazzjoni aktar komprensiva tal-kwalità u s-sikurezza tal-organi għat-trapjant. Il-qsim ta' tali informazzjoni bejn l-Istati Membri jiffaċilita aktar titjib fid-donazzjoni u t-trapjanti madwar l-Unjoni. Kif enfasizzat mir-Rakkomandazzjoni Rec(2006)15 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar l-isfond, il-funzjonijiet u r-responsabilitajiet ta' Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Trapjanti (NTO), ikun aħjar li jkun hemm entità waħda ta' bla profitt li tkun rikonoxxuta uffiċjalment b'responsabilità kumplessiva għad-donazzjoni, l-allokazzjoni, it-traċċabilità u r-responsabilità. Madankollu, speċjalment skont it-tqassim tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri, kombinazzjoni ta' entitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali jistgħu jaħdmu flimkien biex jikkoordinaw id-donazzjoni, l-allokazzjoni u/jew it-trapjant, bil-kondizzjoni li l-qafas fis-seħħ jiżgura responsabilità, kooperazzjoni u effiċjenza.

(25) L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli dwar pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn il-pieni jkunu implimentati. Dawk il-pieni jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(26) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tadatta l-Anness. Il-Kummissjoni għandha tissupplementa jew temenda s-sett ta' data minima speċifikat fil-Parti A tal-Anness biss f'sitwazzjonijiet straordinarji fejn dan ikun iġġustifikat minn riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, u għandha tissupplementa jew temenda s-sett ta' data komplementari speċifikat fil-Parti B tal-Anness sabiex tadattaha għall-progress xjentifiku u l-ħidma internazzjonali li saret fil-qasam tal-kwalità u s-sikurezza tal-organi għat-trapjant. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

(27) L-iskambju tal-organi bejn l-Istati Membri jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta regoli uniformi dwar il-proċeduri għat-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar l-organi u dwar il-karatterizzazzjoni tad-donatur, kif ukoll għall-iżgurar tat-traċċabilità tal-organi u għar-rappurtar ta' reazzjonijiet u avvenimenti kuntrarji serji, sabiex ikunu żgurati l-ogħla standards ta' kwalità u ta' sikurezza tal-organi skambjati. Skont l-Artikolu 291 tat-TFUE, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tat-tħaddim tas-setgħat implimentattivi tal-Kummissjoni jridu jiġu stabbiliti minn qabel permezz ta' regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sakemm jiġi adottat dak ir-regolament il-ġdid, tibqa' tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]), bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhix applikabbli.

(28) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għall-organi maħsuba għat-trapjant fil-ġisem ta' bniedem, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistipula regoli biex tiżgura standards ta' kwalità u sikurezza għall-organi umani (minn hawn 'il quddiem "organi") maħsuba għal trapjant f'ġisem ta' bniedem, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għad-donazzjoni, l-ittestjar, il-karatterizzazzjoni, il-ksib, il-preservazzjoni, it-trasport u t-trapjant ta' organi maħsuba għal trapjant.

2. Meta dawn l-organi jintużaw għal finijiet ta' riċerka, din id-Direttiva tapplika biss meta jkunu maħsuba għal trapjant f'ġisem ta' bniedem.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorizzazzjoni" tfisser awtorizzazzjoni, akkreditazzjoni, desinjazzjoni, liċenzjar jew reġistrazzjoni, skont il-kunċetti użati minn kull Stat Membru u l-prattiki fis-seħħ f'kull Stat Membru;

(b) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità, entità, organizzazzjoni u/jew istituzzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(c) "rimi" tfisser l-aħħar pjazzament ta' organu meta ma jintużax għal trapjant;

(d) "donatur" tfisser persuna li tagħmel donazzjoni ta' organu wieħed jew aktar, sew jekk id-donazzjoni sseħħ tul il-ħajja ta' dik il-persuna u sew jekk wara l-mewt;

(e) "donazzjoni" tfisser l-għoti ta' organi għal trapjanti;

(f) "karatterizzazzjoni tad-donatur" tfisser il-ġbir tat-tagħrif rilevanti dwar il-karatteristiċi tad-donatur meħtieġa biex issir evalwazzjoni ta' kemm hu/hi adatt(a) għad-donazzjoni tal-organi, sabiex issir stima xierqa tar-riskju u jiġu mminimizzati r-riskji għar-riċevitur, u tiġi ottimizzata l-allokazzjoni tal-organi;

(g) "organizzazzjoni Ewropea tal-iskambju tal-organi" tfisser organizzazzjoni ta' bla profitt, pubblika jew privata, iddedikata għall-iskambju nazzjonali u transkonfinali tal-organi, li fiha l-maġġoranza tal-pajjiżi membri tagħha huma Stati Membri;

(h) "organu" tfisser parti differenzjata ta' ġisem il-bniedem, magħmul minn tessuti differenti, li jżomm l-istruttura, il-vaskularizzazzjoni u l-kapaċità tiegħu biex jiżviluppa funzjonijiet fiżjoloġiċi b'livell sinifikanti ta' awtonomija. Parti minn organu titqies ukoll bħala organu jekk il-funzjoni tagħha għandha tintuża għall-istess skop bħall-organu sħiħ fil-ġisem tal-bniedem, filwaqt li żżomm ir-rekwiżiti ta' struttura u vaskularizzazzjoni;

(i) "karatterizzazzjoni tal-organi" tfisser il-ġbir ta' tagħrif rilevanti dwar il-karatteristiċi tal-organu meħtieġa biex issir evalwazzjoni ta' kemm hu adattat, sabiex issir stima xierqa tar-riskju u jiġu mminimizzati r-riskji għar-riċevitur, u tiġi ottimizzata l-allokazzjoni tal-organi;

(j) "ksib" tfisser proċess li l-organi mogħtija jsiru disponibbli bih;

(k) "organizzazzjoni ta' ksib" tfisser stabbiliment tal-kura tas-saħħa, tim jew unità ta' sptar, persuna, jew kull entità oħra li jwettqu jew jikkoordinaw il-ksib ta' organi umani, u li jkun awtorizzati li jagħmlu dan mill-awtorità kompetenti taħt il-qafas regolatorju fl-Istat Membru kkonċernat;

(l) "preservazzjoni" tfisser l-użu ta' aġenti kimiċi, alterazzjonijiet fil-kondizzjonijiet ambjentali jew mezzi oħra biex jiġi prevenut jew ritardat id-deterjorament bijoloġiku jew fiżiku tal-organi mill-ksib sat-trapjant;

(m) "riċevitur" tfisser persuna li tirċievi trapjant ta' organu;

(n) "avveniment kuntrarju serju" tfisser kwalunkwe okkorrenza mhux mistennija u mhux mixtieqa fi kwalunkwe stadju tal-katina mid-donazzjoni sat-trapjant li jista' jwassal għat-trażmissjoni ta' mard li jittieħed, għall-mewt jew għal kondizzjonijiet ta' theddid għall-ħajja, ta' diżabilità jew ta' inkapaċità għall-pazjenti jew li jwassal għal, jew itawwal, l-ospitalizzazzjoni jew il-morbidità;

(o) "reazzjoni kuntrarja serja" tfisser reazzjoni mhux intenzjonata, inkuż mard li jittieħed, fid-donatur ħaj jew ir-riċevitur li tista' tkun marbuta ma' kwalunkwe stadju tal-katina mid-donazzjoni għat-trapjant li tkun fatali, ta' theddida għall-ħajja, ta' diżabilità, ta' inkapaċità jew li twassal għal, jew itawwal, l-ospitalizzazzjoni jew il-morbidità;

(p) "proċeduri operattivi" tfisser istruzzjonijiet bil-miktub li jiddeskrivu l-passi fi proċess speċifiku, inklużi l-materjali u l-metodi li jridu jintużaw u r-riżultat aħħari mistenni;

(q) "trapjant" tfisser proċess intiż biex jerġgħu jiddaħħlu ċerti funzjonijiet tal-ġisem tal-bniedem billi jiġi trasferit organu minn donatur għal riċevitur;

(r) "ċentru ta' trapjant" tfisser stabbiliment tal-kura tas-saħħa, tim jew unità ta' sptar jew kwalunkwe entità oħra li twettaq it-trapjant ta' organi u li tkun awtorizzata biex tagħmel dan mill-awtorità kompetenti taħt il-qafas regolatorju fl-Istat Membru kkonċernat;

(s) "traċċabilità" tfisser il-kapaċità li jinstab u jiġi identifikat l-organu f'kull stadju fil-katina mid-donazzjoni għat-trapjant jew ir-rimi, inkluża l-possibbiltà li:

— jiġu identifikati d-donatur u l-organizzazzjoni ta' ksib,

— jiġi/u identifikat(i) ir-riċevitur(i) fiċ-ċentru/i ta' trapjant, u

— jinstab u jiġi identifikat it-tagħrif rilevanti mhux personali kollu relatat mal-prodotti u l-materjali li jiġu f'kuntatt ma' dak l-organu.

KAPITOLU II

## IL-KWALITÀ U S-SIGUREZZA TAL-ORGANI

*Artikolu 4*

### Qafas għall-kwalità u s-sigurezza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun stabbilit qafas għall-kwalità u s-sikurezza biex ikopri l-istadji kollha tal-katina mid-donazzjoni għat-trapjant jew ir-rimi, f'konformità mar-regoli stipulati f'din id-Direttiva.

2. Il-qafas għall-kwalità u s-sikurezza għandu jistipula l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri operattivi:

(a) għall-verifika tal-identità tad-donatur;

(b) għall-verifika tad-dettalji tal-kunsens, l-awtorizzazzjoni jew in-nuqqas ta' kull oġġezzjoni tad-donatur jew tal-familja tad-donatur skont ir-regoli nazzjonali li japplikaw fejn isehħu d-donazzjoni u l-ksib;

(c) għall-verifika tat-tlestija tal-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur b'konformità mal-Artikolu 7 u mal-Anness;

(d) għall-ksib, il-preservazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' organi skont l-Artikoli 5, 6 u 8;

(e) għat-trasportazzjoni ta' organi skont l-Artikolu 8;

(f) biex tiġi żgurata t-traċċabilità, skont l-Artikolu 10, filwaqt li tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità;

(g) għar-rappurtar preċiż, rapidu u verifikabbli ta' reazzjonijiet u avvenimenti kuntrarji serji skont l-Artikolu 11(1);

(h) għall-immaniġġjar ta' reazzjonijiet u avvenimenti kuntrarji serji skont l-Artikolu 11(2).

Il-proċeduri operattivi msemmija fil-punti (f), (g) u (h) għandhom jispeċifikaw inter alia r-responsabilitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' ksib, tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-iskambju tal-organi u taċ-ċentri tat-trapjant.

3. Barra minn hekk, il-qafas għall-kwalità u s-sikurezza għandu jiżgura li l-persunal tal-kura tas-saħħa involut fl-istadji kollha tal-katina mid-donazzjoni sat-trapjant jew ir-rimi jkun kwalifikat jew imħarreġ b'mod xieraq u li jkun kompetenti, u għandu jiżviluppa programmi ta' taħriġ speċifiċi għal dan il-persunal.

*Artikolu 5*

### Organizzazzjonijiet ta' ksib

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksib iseħħ fi, jew jitwettaq minn, organizzazzjonijiet ta' ksib li jikkonformaw mar-regoli stipulati f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom, fuq it-talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru ieħor, jipprovdu tagħrif dwar ir-rekwiżiti nazzjonali għall-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' ksib.

*Artikolu 6*

### Ksib ta' organi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li attivitajiet mediċi f'organizzazzjonijiet ta' ksib, bħall-għażla u l-evalwazzjoni tad-donatur, isiru fuq il-parir u bil-gwida ta' tabib tal-mediċina kif imsemmi fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ([1]).

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksib isir fi swali tal-operazzjonijiet, li jkunu ddesinjati, mibnija, miżmuma u operati skont standards xierqa u l-aqwa prassi medika sabiex ikunu żgurati l-kwalità u s-sikurezza tal-organi miksuba.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal u t-tagħmir ta' ksib ikunu ġestiti skont il-leġiżlazzjoni, l-istandards u l-linji gwida tal-Unjoni, dawk internazzjonali u nazzjonali dwar l-isterilizzazzjoni ta' tagħmir mediku.

*Artikolu 7*

**Karatterizzazzjoni tal-organu u tad-donatur**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organi miksuba kollha u d-donaturi tagħhom ikunu kkaratterizzati qabel it-trapjant permezz tal-ġbir tat-tagħrif imsemmi fl-Anness.

L-informazzjoni speċifikata fil-Parti A tal-Anness fiha sett ta' data minima li għandha tinġabar għal kull donazzjoni. L-informazzjoni speċifikata fil-Parti B tal-Anness fiha sett ta' data komplementari li għandha tinġabar ukoll, abbażi tad-deċiżjoni tat-tim mediku, filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà ta' tali informazzjoni u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk skont analiżi tar-riskji u l-benefiċċji f'każ partikolari, fosthom f'emerġenzi ta' ħajja u mewt, il-benefiċċji previsti għar-riċevitur ikunu akbar mir-riskji minħabba data mhux kompleta, organu jista' jitqies għat-trapjant anke meta mhux id-data minima kollha speċifikata fil-Parti A tal-Anness tkun disponibbli.

3. Sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' kwalità u ta' sikurezza stipulati f'din id-Direttiva, it-tim mediku għandu jagħmel ħiltu biex jikseb kull informazzjoni meħtieġa mid-donaturi ħajjin u għal dak il-għan għandhom jingħataw it-tagħrif li jeħtieġu biex jifhmu l-konsegwenzi tad-donazzjoni. Fil-każ ta' donazzjoni minn persuna mejta, kull meta jkun possibbli u xieraq, it-tim mediku għandu jagħmel ħiltu biex jikseb dan it-tagħrif mill-qraba tad-donatur mejjet jew minn persuni oħra. It-tim mediku għandu jagħmel ħiltu wkoll biex jgħarraf lill-partijiet kollha li mingħandhom intalab it-tagħrif dwar l-importanza tat-trażmissjoni mħaffa ta' dak it-tagħrif.

4. It-testijiet meħtieġa għall-karatterizzazzjoni tal-organi u d-donaturi għandhom isiru minn laboratorji li jkollhom persunal debitament kwalifikat jew imħarreġ u kompetenti u faċilitajiet u tagħmir adegwati.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet, l-entitajiet u l-laboratorji involuti fil-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur ikollhom stabbiliti proċeduri operattivi biex jiżguraw li t-tagħrif dwar il-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur jasal fiċ-ċentru tat-trapjant fi żmien xieraq.

6. Meta jkun hemm skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħrif dwar il-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur, kif speċifikat fl-Anness, jiġi trasmess lill-Istat Membru l-ieħor li miegħu jkun sar l-iskambju tal-organu, b'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 29.

*Artikolu 8*

**Trasport ta' organi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-organizzazzjonijiet, entitajiet jew kumpaniji involuti fit-trapjant ta' organi jkollhom stabbiliti proċeduri operattivi xierqa biex jiżguraw l-integrità tal-organu matul it-trasport u li l-ħin tat-trasport ikun xieraq;

(b) il-kontenituri li jintużaw għat-trasport tal-organi jkunu ttikkettjati bit-tagħrif li ġej:

(i) l-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni ta' ksib u tal-istabbiliment fejn sar il-ksib, inklużi l-indirizzi u n-numri tat-telefon tagħhom;

(ii) l-identifikazzjoni taċ-ċentru ta' trapjant ta' destinazzjoni, inkluż l-indirizz u n-numru tat-telefon tiegħu;

(iii) dikjarazzjoni li l-pakkett fih organu, li tispeċifika t-tip ta' organu u, fejn applikabbli, jekk ikunx mill-parti tax-xellug jew tal-lemin tal-ġisem u mmarkat "ĠORR B'ATTENZJONI";

(iv) il-kondizzjonijiet rakkomandati tat-trasport, inklużi l-istruzzjonijiet biex il-kontenitur jinżamm f'temperatura u f'pożizzjoni xierqa;

(c) l-organi trasportati jkollhom magħhom rapport dwar il-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ma jeħtiġux li jintlaħqu meta t-trasport isir fi ħdan l-istess stabbiliment.

*Artikolu 9*

**Ċentri ta' trapjant**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trapjant iseħħ fi, jew jitwettaq minn, ċentri ta' trapjant li jikkonformaw mar-regoli stipulati f'din id-Direttiva.

2. L-awtorità kompetenti għandha tindika fl-awtorizzazzjoni liema attivitajiet jistgħu jsiru miċ-ċentru ta' trapjant.

3. Iċ-ċentru ta' trapjant għandu jivverifika qabel ma jipproċedi għat-trapjant li:

(a) il-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur tlestiet u ġiet irreġistrata skont l-Artikolu 7 u l-Anness;

(b) inżammu l-kondizzjonijiet ta' preservazzjoni u ta' trasport ta' organi trasportati.

4. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni jew Stat Membru ieħor, jipprovdu tagħrif dwar ir-rekwiżiti nazzjonali għall-awtorizzazzjoni ta' ċentri ta' trapjant.

*Artikolu 10*

**Traċċabilità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organi kollha miksuba, allokati u trapjantati fit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jiġu traċċati mid-donatur sar-riċevitur u viċe versa sabiex titħares saħħet id-donaturi u r-riċevituri.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' identifikazzjoni tad-donatur u tar-riċevitur li tista' tidentifika kull donazzjoni u kull wieħed mill-organi u r-riċevituri assoċjati magħha. Fir-rigward ta' sistema bħal din, l-Isati Membri għandhom jiżguraw li jkunu ġew stabbiliti miżuri ta' kunfidenzjalità u ta' sigurtà tad-data b'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 16.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtorità kompetenti jew entitajiet oħrajn involuti fil-katina mid-donazzjoni sat-trapjant jew ir-rimi jżommu d-data meħtieġa biex tiġi żgurata t-traċċabilità fl-istadji kollha tal-katina mid-donazzjoni sat-trapjant jew ir-rimi u t-tagħrif dwar il-karatterizzazzjoni tal-organu u d-donatur kif speċifikat fl-Anness, skont il-qafas għall-kwalità u s-sikurezza;

(b) id-data meħtieġa għal traċċabilità sħiħa tinżamm għal minimu ta' 30 sena wara d-donazzjoni. Tali data tista' tinħażen f'forma elettronika.

4. Meta jsir skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, dawk l-Istati Membri għandhom jittrasmettu t-tagħrif meħtieġ biex tkun żgurata t-traċċabilità tal-organi, b'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 29.

*Artikolu 11*

**Sistema ta' rappurtar u mmaniġġjar li jikkonċerna avvenimenti u reazzjonijiet kuntrarji serji**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita sistema ta' rappurtar biex tirrapporta, tinvestiga, tirreġistra u tittrażmetti tagħrif rilevanti u meħtieġ li jikkonċerna avvenimenti kuntrarji serji li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità u s-sikurezza tal-organi u li jistgħu jiġu attribwiti għall-ittestjar, il-karatterizzazzjoni, il-ksib, il-preservazzjoni u t-trasport ta' organi, kif ukoll kwalunkwe reazzjoni kuntrarja serja osservata matul jew wara t-trapjant li tista' tkun marbuta ma' dawk l-attivitajiet.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita proċedura operattiva għall-immaniġġjar ta' avvenimenti u reazzjonijiet kuntrarji serji kif previst fil-qafas għall-kwalità u s-sikurezza.

3. B'mod partikolari, u fir-rigward tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti proċeduri operattivi għan-notifikazzjoni, fi żmien debitu, ta':

(a) xi avveniment u reazzjoni kuntrarji serji lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni konċernata ta' ksib jew ċentru ta' trapjant fi żmien xieraq;

(b) il-miżuri ta' mmaniġġjar fir-rigward ta' avvenimenti u reazzjonijiet kuntrarji serji lill-awtorità kompetenti.

4. Meta jsir skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, dawk l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rappurtar ta' avvenimenti u reazzjonijiet kuntrarji serji b'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 29.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-interkonnessjoni bejn is-sistema ta' rappurtar imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u s-sistema ta' notifikazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2004/23/KE.

*Artikolu 12*

**Personal tal-kura tas-saħħa**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-kura tas-saħħa involut direttament fil-katina mid-donazzjoni sat-trapjant jew ir-rimi tal-organi huwa kkwalifikat jew imħarreġ kif xieraq u kompetenti biex iwettaq ħidmietu u li ngħata t-taħriġ rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 4(3).

KAPITOLU III

**PROTEZZJONI GĦAD-DONATUR U R-RIĊEVITUR U L-GĦAŻLA U L-EVALWAZZJONI TAD-DONATUR**

*Artikolu 13*

**Prinċipji li jirregolaw id-donazzjoni tal-organi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-donazzjonijiet ta' organi mingħand donaturi deċeduti jew ħajjin ikunu volontarji u bla ħlas.

2. Il-prinċipju li wieħed ma jħallasx m'għandux iwaqqaf lid-donaturi ħajjin milli jirċievu kumpens, sakemm ikun limitat b'mod strett biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u t-telf ta' dħul marbuta mad-donazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kondizzjonijiet li skonthom jista' jingħata tali kumpens, filwaqt li jevitaw li jkun hemm xi benefiċċju jew inċentivi finanzjarji għal donatur potenzjali.

3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu r-reklamar tal-bżonn jew id-disponibbiltà ta' organi meta dan ir-reklamar ikollu l-ħsieb li joffri jew jipprova jikseb qligħ finanzjarju jew vantaġġ kumparabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksib ta' organi jsir fuq bażi li ma tagħmilx profitt.

*Artikolu 14*

**Rekwiżiti ta' kunsens**

Il-ksib ta' organi għandu jitwettaq biss wara li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha rrelatati mal-kunsens, l-awtorizzazzjoni jew in-nuqqas ta' xi oġġezzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 15*

**Aspetti tal-kwalità u s-sigurezza tad-donazzjoni minn persuni ħajjin**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni ta' donaturi ħajjin sabiex ikunu ggarantiti għalkollox il-kwalità u s-sikurezza tal-organi għal trapjanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-donaturi ħajjin jintagħżlu fuq il-bażi ta' saħħithom u l-istorja medika tagħhom, minn professjonisti kwalifikati jew imħarrġa b'mod adatt u kompetenti. Valutazzjonijiet bħal dawn jistgħu jwasslu għall-esklużjoni ta' persuni li donazzjoni mingħandhom tista' twassal għal riskju inaċċettabbli għas-saħħa.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinżamm reġistru jew rekord tad-donaturi ħajjin,b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità statistika.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex iwettqu follow-up tad-donaturi ħajjin u għandu jkollhom fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali, sistema sabiex jiġi identifikat, irrapurtat u mmaniġġjat kull avveniment potenzjalment marbut mal-kwalità u s-sikurezza tal-organu li ngħata, u konsegwentement mas-sikurezza tar-riċevitur, kif ukoll kull reazzjoni kuntrarja serja fid-donatur ħaj li tista' tirriżulta mid-donazzjoni.

*Artikolu 16*

**Protezzjoni tad-data personali, kunfidenzjalità u sigurtà tal-ipproċessar**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali jkun protett effettivament u fis-sħiħ fl-attivitajiet kollha ta' donazzjoni u ta' trapjant tal-organi, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, bħad-Direttiva 95/46/KE, u b'mod partikolari l-Artikoli 8(3), 16, 17 u 28(2) tagħha. Skont id-Direttiva 95/46/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li:

(a) id-data pproċessata tinżamm kunfidenzjali u sikura skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE. Kull aċċessar mhux awtorizzat ta' data jew sistemi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu identifikati d-donaturi jew ir-riċevituri għandu jkun ppenalizzat f'konformità mal-Artikolu 23 ta' din id-Direttiva;

(b) id-donaturi u r-riċevituri li d-data tagħhom qed tiġi pproċessata fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma jkunux identifikabbli, ħlief kif permess mill-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva 95/46/KE, u mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw dik id-Direttiva. Kull użu ta' sistemi jew data li permezz tagħhom jkunu jistgħu jiġu identifikati d-donaturi jew ir-riċevituri bil-għan li jiġu rintraċċati d-donaturi jew ir-riċevituri għal raġunijiet oħra li ma jkunux dawk permessi mill-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva 95/46/KE, inklużi raġunijiet mediċi, u mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw dik id-Direttiva għandhom ikunu ppenalizzati f'konformità mal-Artikolu 23 ta' din id-Direttiva;

(c) il-prinċipji relatati mal-kwalità tad-data, kif stipulati fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 95/46/KE, jiġu sodisfatti.

KAPITOLU IV

**OBBLIGI TAL-AWTORITAJIET KOMPETENTI U SKAMBJU TA' TAGĦRIF**

*Artikolu 17*

**Ħatra u ħidmiet tal-awtoritajiet kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar minn waħda.

L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw, jew jistgħu jħallu f'idejn awtorità kompetenti biex tiddelega, partijiet minn jew kull ħidma assenjata lilha skont din id-Direttiva lil entità oħra kkunsidrata xierqa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali. Entità bħal din tista' wkoll tassisti lill-awtorità kompetenti fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha.

2. L-awtorità kompetenti għandha, b'mod partikolari, tieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) tistabbilixxi u żżomm aġġornat qafas għall-kwalità u s-sikurezza skont l-Artikolu 4;

(b) tiżgura li l-organizzazzjonijiet ta' ksib u ċ-ċentri ta' trapjant ikunu kkontrollati jew ivverifikati fuq bażi regolari biex tiġi aċċertata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(c) tagħti, tissospendi, jew tirtira, kif xieraq, l-awtorizzazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' ksib jew ċentri ta' trapjant jew tipprojbixxi lil organizzazzjonijiet ta' ksib jew lil ċentri tat-trapjant milli jwettqu l-attivitajiet tagħhom fejn il-miżuri ta' kontroll juru li dawn l-organizzazzjonijiet jew iċ-ċentri ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(d) tistabbilixxi sistema ta' rappurtar u proċedura ta' mmaniġġjar għal avvenimenti u/jew reazzjonijiet kuntrarji serji kif previst fl-Artikolu 11(1) u (2);

(e) toħroġ gwida xierqa għall-istabbilimenti tal-kura tas-saħħa, professjonisti u partijiet oħra involuti fl-istadji kollha tal-katina mid-donazzjoni sat-trapjant jew ir-rimi, li tista' tinkludi gwida għall-ġbir ta' tagħrif relevanti wara t-trapjant biex ikunu evalwati l-kwalità u s-sikurezza tal-organi trapjantati;

(f) tieħu sehem, meta jkun possibbli, fin-netwerk ta' awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 19 u tikkoordina fil-livell nazzjonali l-input fl-attivitajiet ta' dak in-netwerk;

(g) tissorvelja l-iskambju ta' organi mal-Istati Membri l-oħra u ma' pajjiżi terzi kif previst fl-Artikolu 20(1);

(h) tiżgura li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali jkun protett effettivament u fis-sħiħ fl-attivitajiet kollha ta' trapjant ta' organi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 18*

**Rekords u rapporti li jikkonċernaw organizzazzjonijiet ta' ksib u ċentri ta' trapjant**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti:

(a) iżżomm reġistru tal-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet ta' ksib u ċentri ta' trapjant, inklużi numri aggregati ta' donaturi ħajjin u deċeduti, u t-tipi u kwantitajiet ta' organi miksuba u trapjantati, jew inkella mormija f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità statistika;

(b) tfassal u tagħmel pubblikament aċċessibbli rapport annwali dwar dawk l-attivitajiet imsemmija fil-punt (a);

(c) tistabbilixxi u żżomm rekord aġġornat ta' organizzazzjonijiet ta' ksib u ċentri ta' trapjant.

2. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni jew Stat Membru ieħor, jipprovdu tagħrif dwar ir-rekord ta' organizzazzjonijiet ta' ksib u ċentri ta' trapjant.

*Artikolu 19*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twaqqaf netwerk tal-awtoritajiet kompetenti bil-ħsieb li jiskambjaw informazzjoni dwar l-esperjenza miksuba fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Fejn xieraq, esperti dwar it-trapjant ta' organi, rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet ta' skambju tal-organi Ewropej, kif ukoll awtoritajiet ta' sorveljanza tal-protezzjoni tad-data u partijiet rilevanti oħra jistgħu jkunu assoċjati ma' dan in-netwerk.

KAPITOLU V

**SKAMBJU TA' ORGANI MA' PAJJIŻI TERZI U ORGANIZZAZZJONIJIET EWROPEJ TA' SKAMBJU TA' ORGANI**

*Artikolu 20*

**Skambju ta' organi ma' pajjiżi terzi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skambju ta' organi ma' pajjiżi terzi jkunu ssorveljati mill-awtorità kompetenti. Għal dan il-għan, l-awtorità kompetenti u l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-iskambju tal-organi jistgħu jikkonkludu ftehimiet ma' kontropartijiet f'pajjiżi terzi.

2. Is-sorveljanza ta' skambju ta' organi ma' pajjiżi terzi tista' tiġi delegata mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet Ewropej ta' skambju ta' organi.

3. L-iskambju ta' organi, kif imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jiġu permessi biss meta l-organi:

(a) jistgħu jiġu traċċati mid-donatur sar-riċevitur u viċe versa;

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità u sikurezza ekwivalenti għal dawk stipulati f'din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Organizzazzjonijiet Ewropej ta' skambju ta' organi**

L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu jew jistgħu jippermettu lil awtorità kompetenti tikkonkludi ftehimiet ma' organizzazzjonijiet Ewropej ta' skambju ta' organi, bil-kondizzjoni li organizzazzjonijiet bħal dawn jiżguraw konformità mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, fejn jiddelegaw lil dawk l-organizzazzjonijiet, inter alia:

(a) ir-rendiment tal-attivitajiet previsti fil-qafas għall-kwalità u s-sikurezza;

(b) ħidmiet speċifiċi relatati mal-iskambji ta' organi minn u lejn Stati Membri u pajjiżi terzi.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 22*

**Rapporti li jikkonċernaw din id-Direttiva**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapurtaw lill-Kummissjoni qabel is-27 ta' Awwissu 2013 u kull tliet snin wara dan dwar l-attivitajiet imwettqa b'rabta mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u dwar l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tagħha.

2. Qabel is-27 ta' Awwissu 2014 u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tittrasmetti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 23*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-pieni jiġu implimentati. Il-pieni previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sas-27 ta' Awwissu 2012 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 24*

**Adattament tal-Anness**

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25 u suġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 26, 27 u 28 sabiex:

(a) tissupplementa jew temenda s-sett ta' data minima speċifikat fil-Paqrti A tal-Anness f'sitwazzjonijiet straordinarji biss meta dan ikun iġġustifikat minn riskju serju għas-saħħa tal-bniedem li jitqies bħala tali abbażi tal-progress xjentifiku;

(b) tissupplementa jew temenda s-sett ta' data komplementari speċifikat fil-Parti B tal-Anness sabiex tadattah għall-progress xjentifiku u l-ħidma internazzjonali mwettqa fil-qasam tal-kwalità u s-sikurezza tal-organi għat-trapjanti.

*Artikolu 25*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 24 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin wara s-27 ta' Awwissu 2010. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tkun awtomatikament estiża għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahiex skont l-Artikolu 26.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa biex tadotta atti delegati qed tingħata lill-Kummissjoni skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 26 u 27.

4. Meta, f'każijiet tal-iżvilupp ta' riskji serji ġodda għas-saħħa tal-bniedem, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 28 għandha tapplika għal atti delegati adottati skont il-punt (a) tal-Artikolu 24.

*Artikolu 26*

**Revoka tad-delega**

1. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 24 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna għad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi rrevokata d-delega ta' setgħat, għandha timpenja ruħha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed deċiżjoni finali, b'indikazzjoni tad-delega ta' setgħat li tista' tkun suġġetta għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal dan.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 27*

**Oġġezzjoni għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifikazzjoni.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perijodu għandu jittawwal b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi dan il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.

L-atti delegati jistgħu jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, dan tal-aħħar m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tagħti r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att delegat.

*Artikolu 28*

**Proċedura ta' urġenza**

1. Atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifikazzjoni ta' att delegat adottat skont dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat adottat skont dan l-Artikolu f'konformita' mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(1). F'dan il-każ, l-att m'għandux jibqa' japplika. L-istituzzjoni li toġġezzjona għal tali att delegat għandha tiddikjara r-raġunijiet tagħha għal dan.

*Artikolu 29*

**Miżuri implimentattivi**

Il-Kummissjoni għandha tadotta, meta jsir skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, regoli dettaljati għall-implimentazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2), dwar dan li ġej:

(a) proċeduri għat-trażmissjoni tat-tagħrif dwar il-karatterizzazzjoni tal-organi u d-donaturi kif speċifikati fl-Anness skont l-Artikolu 7(6);

(b) proċeduri għat-trażmissjoni tat-tagħrif meħtieġ biex tkun żgurata t-traċċabilità tal-organi skont l-Artikolu 10(4);

(c) proċeduri biex jiġi żgurat li avvenimenti u reazzjonijiet kuntrarji serji jiġu rrappurtati skont l-Artikolu 11(4).

*Artikolu 30*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar it-trapjant ta' organi, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha. Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

*Artikolu 31*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sas-27 ta' Awwissu 2012. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwarhom.

Meta jiġu adottati mill-Istati Membri, dawk il-miżuri għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkollhom magħhom tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex twaqqaf lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew idaħħal regoli aktar stretti, bil-kondizzjoni li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 32*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 33*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-7 ta' Lulju 2010.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS*

# KARATTERIZZAZZJONI TAL-ORGANU U TAD-DONATUR

PARTI A

## Sett ta' *data* minima

*Data* minima - informazzjoni għall-karatterizzazzjoni tal-organi u tad-donaturi, li għandha tinġabar għal kull donazzjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) u bla ħsara għall-Artikolu 7(2).

**Sett ta' *data* minima**

L-istabbiliment fejn iseħħ il-ksib u data ġenerali oħra

Tip ta' donatur

Grupp tad-demm

Sess

Kawża tal-mewt

Data tal-mewt

Data tat-twelid jew età stmata

Piż

Tul

Storja preċedenti jew attwali ta' abbuż ta' drogi minn ġol-vini

Storja preċedenti jew attwali ta' neoplażija malinna

Storja attwali ta' mard ieħor li jittieħed

Testijiet tal-HIV; l-HCV; l-HBV

Informazzjoni bażika biex tkun evalwata l-funzjoni tal-organu mogħti

PARTI B

## Sett ta' *data* komplimentari

*Data* komplimentari - informazzjoni għall-karatterizzazzjoni tal-organi u d-donaturi li għandha tinġabar minbarra d-*data* minima speċifikata fil-Parti A, abbażi tad-deċiżjoni tat-tim mediku, filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà ta' tali tagħrif u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1).

**Sett ta' *data* komplimentari**

*Data ġenerali*

Id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjoni ta' ksib/l-istabbiliment fejn iseħħ il-ksib meħtieġa għall-koordinazzjoni, l-allokazzjoni u t-traċċabilità tal-organi mid-donaturi għar-riċevituri u viċe versa.

*Data tad-donatur*

Id-*data* demografika u antropometrika meħtieġa biex ikun iggarantit tqabbil xieraq bejn id-donatur/l-organu u r-riċevitur.

*Storja medika tad-donatur*

L-istorja medika tad-donatur, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet li jistgħu jaffetwaw l-adattabilità tal-organi għat-trapjant u li jġibu r-riskju li jinxtered il-mard.

*Data fiżika u klinika*

Id-*data* mill-eżami kliniku li hija meħtieġa għall-evalwazzjoni taż-żamma fiżjoloġika tad-donatur potenzjali kif ukoll kull riżultat ieħor li juri kondizzjonijiet li baqgħu ma ġewx identifikati matul l-eżami tal-istorja medika tad-donatur u li jistgħu jaffettwaw l-adattabilità tal-organi għat-trapjant jew jistgħu jġibu r-riskju li jinxtered il-mard.

*Parametri tal-laboratorju*

Id-*data* meħtieġa għall-valutazzjoni tal-karatterizzazzjoni funzjonali tal-organi u għall-identifikazzjoni ta' mard li potenzjalment jittieħed u ta' kontroindikazzjonijiet possibbli fir-rigward tad-donazzjoni tal-organi.

*Testijiet bl-immaġni*

It-testijiet bl-immaġni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-istat anatomiku tal-organi għal trapjanti.

*Terapija*

It-trattamenti mogħtija lid-donatur u li huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-istat funzjonali tal-organi u l-adattabilità għad-donazzjoni tal-organi, b'mod partikolari l-użu tal-antibijotiċi, l-appoġġ inotropiku jew it-terapija tat-trasfużjoni.

**Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 290 TFUE**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 TFUE jew ta' atti leġiżlattivi individwali li fihom tali dispożizzjonijiet.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea (Urġenza)**

Il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill infurmati bis-sħiħ dwar il-possibbiltà li jiġi adottat att iddelegat taħt il-proċedura ta' urġenza. Hekk kif is-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedu li jista' jiġi adottat att iddelegat taħt il-proċedura ta' urġenza, huma ser iwissu informalment lis-segretarjati tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA, MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra**

(2010/417/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità u l-Istati Membri Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Kanada (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim") f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati.

(2) Il-Ftehim ġie inizjalat fit-30 ta' Novermbru 2008.

(3) Il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jkun iffirmat u applikat proviżorjament mill-Komunità u l-Istati Membri f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard.

(4) Jeħtieġ li jkunu stabbiliti arranġamenti proċedurali adatti għall-parteċipazzjoni tal-Komunità u l-Istati Membri fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim u fil-proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim previsti fl-Artikolu 21 tal-Ftehim, kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw is-sigurtà u s-sikurezza,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

## Firma

1. L-iffirmar tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"), huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għal Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-konklużjoni tal-Ftehim.

It-test tal-ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 2*

## Applikazzjoni proviżorja

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-aħħar nota li biha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri domestiċi rilevanti biex jiġi applikat proviżorjament il-Ftehim.

*Artikolu 3*

## Kumitat Konġunt

1. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom ikunu rrappreżentati fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fil-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' materji ta' kompetenza esklużiva tal-Komunità li ma jeħtiġux l-adozzjoni ta' deċiżjoni li jkollha effett legali għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni u għandha tkun notifikata minn qabel lill-Kunsill u lill-Istati Membri.

3. Għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandha tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, sakemm il-proċeduri ta' votazzjoni applikabbli, stabbiliti fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ma jipprevedux mod ieħor.

4. Għal deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt rigward kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità u mill-Istati Membri tagħha għandha tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri sakemm Stat Membru ma jkunx informa lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' dik il-pożizzjoni li huwa jista' jagħti biss il-kunsens tiegħu biex id-deċiżjoni tittieħed mill-Kumitat Konġunt bil-qbil tal-korpi leġislattivi tiegħu, notevolment minħabba riżerva ta' skrutinju parlamentari.

5. Il-pożizzjoni tal-Komunità u tal-Istati Membri fil-Kumitat Konġunt għandha tkun ippreżentata mill-Kummissjoni, ħlief fl-oqsma li jaqgħu esklużivament fil-kompetenza tal-Istati Membri, f'liema każ għandha tiġi ppreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill jew, jekk jiddeċiedi hekk il-Kunsill, mill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

**Soluzzjoni ta' Tilwim**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Komunità u l-Istati Membri fil-proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim.

2. Deċiżjoni li tkun sospiża jew imdaħħla mill-ġdid l-applikazzjoni ta' benefiċċji skont l-Artikolu 21(7) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

3. Kwalunkwe azzjoni adatta oħra li għandha tittieħed skont l-Artikolu 21 tal-Ftehim dwar materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità għandha tkunu deċiża mill-Kummissjoni, bl-assistenza ta' Kumitat Speċjali ta' rappreżentanti tal-Istati Membri maħtura mill-Kunsill.

*Artikolu 5*

**Informazzjoni lill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw fil-pront lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni li tiġi rrifjutata, irrevokata, sospiża jew limitata l-awtorizzazzjoni ta' linja tal-ajru tal-Kanada li huma jkollhom l-intenzjoni li jadottaw skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw fil-pront lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe talba jew notifika magħmula jew riċevuta minnhom skont l-Artikolu 6 (Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili) tal-Ftehim.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw fil-pront lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe talba jew notifika magħmula jew riċevuta minnhom skont l-Artikolu 7 (Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

# FTEHIM

## dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha

WERREJ


| *Artikolu* | *Titolu* |
|---|---|
| 1 | Intestaturi u Definizzjonijiet |
| 2 | Għoti ta’ Drittijiet |
| 3 | Nomina, Awtorizzazzjoni u Revoka |
| 4 | Investiment |
| 5 | Applikazzjoni tal-Liġijiet |
| 6 | Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili |
| 7 | Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili |
| 8 | Dazji doganali, Taxxi u Tariffi |
| 9 | Statistika |
| 10 | Interessi tal-Konsumatur |
| 11 | Disponibbiltà ta’ Ajruporti u Faċilitajiet u Servizzi tal-Avjazzjoni |
| 12 | Tariffi għall-Ajruporti u Faċilitajiet u Servizzi tal-Avjazzjoni |
| 13 | Qafas Kummerċjali |
| 14 | Ambjent Kompetittiv |
| 15 | Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru |
| 16 | Kontinwazzjoni ta’ Nomini u Awtorizzazzjonijiet |
| 17 | Kumitat Konġunt |
| 18 | Ambjent |
| 19 | Kwistjonijiet ta’ Xogħol |
| 20 | Kooperazzjoni Internazzjonali |
| 21 | Soluzzjoni ta’ Tilwim |
| 22 | Emendi |
| 23 | Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Proviżorja |
| 24 | Terminazzjoni |
| 25 | Reġistrazzjoni tal-Ftehim |
| 26 | Relazzjoni ma’ Ftehim Oħrajn |

# FTEHIM DWAR IT-TRASPORT BL-AJRU

IL-KANADA

minn naħa waħda;

u

R-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

bħala partijiet għat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewopea u bħala Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem l-"Istati Membri"),

u L-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn naħa l-oħra;

Il-Kanada u l-Istati Membri bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, miftuħa għall-iffirmar f'Chicago, fis-7 jum ta' Diċembru, 1944, flimkien mal-Komunità Ewropea;

BILLI JIXTIEQU jippromwovu sistema ta' avjazzjoni bbażata fuq il-kompetizzjoni bejn il-linji tal-ajru fis-suq bl-inqas indħil u regolamentazzjoni mill-gvernijiet;

BILLI JIXTIEQU jippromwovu l-interessi tagħhom fl-ambitu tat-trasport bl-ajru;

BILLI JIRRIKONOXXU l-importanza ta' trasport bl-ajru effiċjenti fil-promozzjoni tal-kummerċ, it-turiżmu u l-investiment;

BILLI JIXTIEQU jtejbu s-servizzi tal-ajru;

BILLI JIXTIEQU jiżguraw l-ogħla livell ta' sikurezza u sigurtà fit-trasport bl-ajru;

BILLI HUMA DDETERMINATI li jiksbu l-benefiċċji potenzjali ta' kooperazzjoni regolatorja u, sa kemm huwa prattikabbli, l-armonizzazzjoni tar-regolamenti u l-approċċi;

BILLI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji potenzjali importanti li jistgħu jfeġġu minn servizzi tal-ajru kompetittivi u industriji tas-servizzi tal-ajru vijabbli;

BILLI JIXTIEQU jkattru ambjent ta' servizzi tal-ajru kompetittiv, billi jirrikonoxxu li fejn m'hemmx kondizzjonijiet kompetittivi ġusti għal-linji tal-ajru, il-benefiċċji potenzjali jistgħu ma jinkisbux;

BILLI JIXTIEQU jagħmluha possibbli għal-linji tal-ajru tagħhom li jkollhom opportunità ġusta u ekwa biex jipprovdu servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim;

BILLI JIXTIEQU jiksbu l-akbar benefiċċji possibbli għall-passiġġieri, it-trasportaturi, il-linji tal-ajru u l-ajruporti u l-impjegati tagħhom, u oħrajn li jibbenefikaw indirettament;

FILWAQT LI JSOSTNU l-importanza tal-ħarsien tal-ambjent fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika dwar l-avjazzjoni internazzjonali;

FILWAQT LI JINNOTAW l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi u l-inkoraġġiment ta' livell adattat ta' protezzjoni tal-konsumaturi assoċjati mas-servizzi tal-ajru;

FILWAQT LI JINNOTAW l-importanza tal-kapital għall-industrija tal-linji tal-ajru għal aktar żvilupp tas-servizzi tal-ajru;

BILLI JIXTIEQU jikkonkludu ftehim dwar it-trasport bl-ajru, li jkun supplimentari għall-Konvenzjoni msemmija;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Intestaturi u Definizzjonijiet**

1. L-intestaturi użati f'dan il-Ftehim huma għall-finijiet ta' referenza biss.

2. Għall-fini ta' dan il-Ftehim, sakemm mhux iddikjarat mod ieħor:

(a) "Awtoritajiet aeronawtiċi" tfisser kwalunkwe awtorità jew persuna mogħtija s-setgħa mill-Partijiet biex twettaq il-funzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim;

(b) "Servizzi tal-ajru" tfisser is-servizzi tal-ajru skedati fuq ir-rotot speċifikati f'dan il-Ftehim għat-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija, inkluża l-posta, b'mod separat jew ikkombinat;

(c) "Ftehim" tfisser dan il-Ftehim, kwalunkwe Anness għalih, u kwalunkwe emenda magħmula għall-Ftehim jew għal kwalunkwe Anness;

(d) "Linja tal-ajru" tfisser linja tal-ajru li kienet innominata u awtorizzata skont l-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim;

(e) "Parti" tfisser jew il-Kanada jew l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea, meħuda flimkien jew individwalment;

(f) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali miftuħa għall-iffirmar f'Chicago fis-seba' jum ta' Diċembru 1944 u tinkludi kwalunkwe Anness adottat skont l-Artikolu 90 ta' dik il-Konvenzjoni u kwalunkwe emenda għall-Annessi jew għall-Konvenzjoni skont l-Artikoli 90 u 94 tagħha safejn dawk l-Annessi u l-emendi kienu adottati mill-Kanada u mill-Istati Membri; u

(g) "Territorju" tfisser il-Kanada, l-artijiet tagħha (it-territorju ewlieni u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali kif iddeterminat mil-liġi domestika tagħha, u tinkludi l-ispazju tal-ajru fuq dawn iż-żoni; u għall-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, l-artijiet (it-territorju ewlieni u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali li fihom huwa applikat it-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat u kwalunkwe strument suċċessur, u tinkludi l-ispazju tal-ajru fuq dawn iż-żoni; l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-ajruport ta' Ġibiltà tinftiehem li hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet ġuridiċi rispettivi tar-Renju ta' Spanja u tar-Renju Unit fir-rigward tat-tilwima dwar is-sovranità fuq it-territorju fejn jinstab l-ajruport, u għas-sospensjoni li għadha fis-seħħ tal-Ajruport ta' Ġibiltà minn miżuri dwar l-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea eżistenti fit-18 ta' Settembru 2006 bejn l-Istati Membri, skont id-dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà miftiehma f'Cordoba fit-18 ta' Settembru 2006.

*Artikolu 2*

**Għoti ta' Drittijiet**

1. Kull Parti tagħti lill-Parti l-oħra d-drittijiet li ġejjin għat-twettiq ta' trasport bl-ajru mil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra:

(a) id-dritt li jtiru tul it-territorju tagħha mingħajr inżul;

(b) id-dritt li jagħmlu waqfiet fit-territorju tagħha għal finijiet mhux ta' traffiku;

(c) sa fejn huwa permess f'dan il-Ftehim, id-dritt li jagħmlu waqfiet fit-territorju tagħha fuq rotot speċifikati f'dan il-Ftehim għall-fini ta' ġbir u ħatt ta' traffiku ta' passiġġieri u merkanzija, inkluża l-posta, b'mod separat jew ikkombinat; u

(d) id-drittijiet li huma speċifikati b'mod ieħor f'dan il-Ftehim.

2. Kull Parti tagħti wkoll id-drittijiet speċifikati fil-paragrafi 1 (a) u (b) ta' dan l-Artikolu lill-Parti l-oħra għall-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra li ħlief għal dawk imsemmija fl-Artikolu 3 (Nomina, Awtorizzazzjoni u Revoka) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Nomina, Awtorizzazzjoni u Revoka**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li skont dan il-Ftehim nomina tikkostitwixxi l-liċenzji jew forom oħra ta' awtorizzazzjoni maħruġin mill-Parti l-oħra għat-twettiq ta' servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim. Fuq talba mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta' Parti waħda, l-awtoritajiet aeronawtiċi tal-Parti l-oħra li ħarġet il-liċenzja jew forma oħra ta' awtorizzazzjoni għandha tivverifika l-istatus ta' tali liċenzji jew awtorizzazzjonijiet.

2. Mal-wasla tal-applikazzjonijiet minn linja tal-ajru nnominata ta' Parti waħda, fil-forma u l-mod preskritti, il-Parti l-oħra għandha, b'mod konsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, bl-inqas dewmien proċedurali tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mitluba lil dik il-linja tal-ajru biex topera s-servizzi tal-ajru, bil-kondizzjoni li:

(a) tali linja tal-ajru tikkwalifika skont il-liġijiet u r-regolamenti normalment applikati mill-awtoritajiet aeronawtiċi tal-Parti li tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi;

(b) tali linja tal-ajru tkun konformi mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi;

(c) soġġett għall-Anness 2, fil-każ ta' linja tal-ajru tal-Kanada, il-kontroll effettiv ta' dik il-linja tal-ajru jinsab għand ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet, il-linja tal-ajru għandha liċenzja bħala linja tal-ajru Kanadiża, u l-linja tal-ajru għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha fil-Kanada; fil-każ ta' linja tal-ajru ta' Stat Membru, il-kontroll effettiv ta' dik il-linja tal-ajru jkun f'idejn iċ-ċittadini ta' waħda mill-Partijiet, l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja jew l-Isvizzera, u l-linja tal-ajru hija lliċenzjata bħala linja tal-ajru Komunitarja, u l-linja tal-ajru għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha fi Stat Membru; u

(d) il-linja tal-ajru b'mod ieħor topera b'mod konsistenti mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. Parti tista' żżomm l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u tirrevoka, tissospendi, timponi kondizzjonijiet jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew permessi operattivi jew b'mod ieħor tissospendi jew tillimita l-operazzjonijiet ta' linja tal-ajru jew linji tal-ajru tal-Parti l-oħra fil-każ ta' nuqqas min-naħa ta' dik il-linja tal-ajru li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Paragrafu 2 jew meta jkun ġie ddeterminat minn Parti li l-kondizzjonijiet fit-territorju tal-Parti l-oħra mhumiex konsistenti ma' ambjent ġust u kompetittiv u qed jikkawżaw żvantaġġ jew ħsara sinifikanti lil-linja tal-ajru jew lil-linji tal-ajru tagħha, skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 14 (Ambjent Kompetittiv).

4. Id-drittijiet elenkati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu eżerċitati biss wara konsultazzjonijiet mal-Kumitat Konġunt sakemm azzjoni immedjata ma tkunx meħtieġa biex ikun evitat ksur tal-liġijiet u r-regolamenti msemmijin fil-paragrafu 2 jew sakemm is-sikurezza u s-sigurtà ma jkunux jirrikjedu azzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 (Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili) u l-Artikolu 7 (Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili).

*Artikolu 4*

**Investiment**

Kull Parti għandha tippermetti sjieda sħiħa tal-linji tal-ajru tagħha minn ċittadini tal-Kanada jew ta' Stat Membru jew Stati Membri soġġetta għall-kondizzjonijiet fl-Anness 2 għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 5*

**Applikazzjoni tal-Liġijiet**

Kull Parti għandha tirrikjedi konformità ma':

(a) il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri tagħha relatati ma' inġenji tal-ajru involuti fin-navigazzjoni internazzjonali tal-ajru, li jidħlu, jibqgħu, jew jitilqu mit-territorju tagħha, jew mal-operat u n-navigazzjoni ta' tali inġenji tal-ajru, użati mil-linji tal-ajru mad-dħul ġewwa, mat-tluq minn jew waqt li jkunu fit-territorju msemmi; u

(b) il-liġijiet u r-regolamenti tagħha li jirrelataw ma' passiġġieri, membri tal-ekwipaġġ u merkanzija inkluża l-posta, li jidħlu, jibqgħu, jew jitilqu mit-territorju tagħha, (bħal ma huma regolamenti li jirrelataw mad-dħul, ir-rilaxx, it-transitu, is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, l-immigrazzjoni, il-passaporti, id-dwana u l-kwarantina) minn linji tal-ajru u minn jew f'isem tali passiġġieri, membri tal-ekwipaġġ u merkanzija inkluża l-posta, fil-passaġġ, id-dħul ġewwa, il-ħruġ minn u waqt li jkunu fit-territorju msemmi. Fl-applikazzjoni ta' tali liġijiet u regolamenti, kull Parti għandha, f'ċirkustanzi simili, tagħti lil-linji tal-ajru trattament xejn inqas favorevoli minn dak mogħti lil tagħha stess jew lil kwalunkwe linja tal-ajru oħra involuta f'servizzi tal-ajru internazzjonali simili.

*Artikolu 6*

**Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili**

1. Il-Partijiet itennu mill-ġdid l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-qasam tas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili. F'dak il-kuntest, il-Partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom f'aktar kooperazzjoni inkluża dik relatata mal-operazzjonijiet tal-ajru, notevolment bil-għan tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni li jista' jkollha impatt fuq is-sikurezza tan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' sorveljanza ta' xulxin jew it-twettiq ta' attivitajiet ta' sorveljanza konġunti fil-qasam tas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili u l-iżvilupp ta' proġetti u inizjattivi konġunti, inkluż ma' pajjiżi terzi. Din il-kooperazzjoni għandha tkun żviluppata fil-qafas tal-Ftehim dwar is-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea, magħmul fi Praga fis-6 ta' Mejju 2009, fir-rigward ta' materji koperti minn dak il-Ftehim.

2. Ċertifikati ta' sikurezza għat-titjir, ċertifikati ta' kompetenza u liċenzji, maħruġin jew ivvalidati minn Parti waħda, permezz tal-awtoritajiet aeronawtiċi tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Ftehim dwar is-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea , għandhom ikunu rikonoxxuti bħala validi mill-Parti l-oħra u l-awtoritajiet aeronawtiċi tagħha għall-fini tal-operat tas-servizzi tal-ajru, sakemm tali ċertifikati jew liċenzji jkunu nħarġu jew ġew ivvalidati skont, u f'konformità ma', mill-inqas, l-istandards stabbiliti skont il-Konvenzjoni.

3. Jekk il-privileġġi jew il-kondizzjonijiet tal-liċenzji jew iċ-ċertifikati msemmijin fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq, maħruġin mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta' Parti waħda lil kwalunkwe persuna jew linja tal-ajru jew fir-rigward ta' inġenju tal-ajru użat fl-operat tas-servizzi tal-ajru, jippermettu differenza li hija aktar baxxa mill-istandards minimi stabbiliti skont il-Konvenzjoni, u din id-differenza tkun ġiet irreġistrata mal-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, jew jekk dawk l-awtoritajiet japplikaw standard jew standards li huma ogħla minn, jew differenti minn, standards stabbiliti skont il-Konvenzjoni, il-Parti l-oħra tista' titlob konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet fil-qafas tal-Kumitat Konġunt bil-ħsieb li tiġi ċċarata l-prattika inkwistjoni. Sakemm jasal il-waqt li l-konsultazzjonijiet jistgħu jwasslu għal kunsens u, fl-ispirtu ta' sistema ta' aċċettazzjoni reċiproka taċ-ċertifikati u l-liċenzji ta' xulxin, il-Partijiet għandhom ikomplu jirrikonoxxu ċ-ċertifikati u l-liċenzji vvalidati mill-awtoritajiet aeronawtiċi tal-Parti l-oħra. Meta l-Ftehim dwar is-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u magħmul fi Praga fis-6 ta' Mejju 2009, ikollu dispożizzjonijiet li jirregolaw l-aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati u liċenzji, kull parti għandha tapplika dawk id-dispożizzjonijiet.

4. B'mod konsistenti mal-liġijiet applikabbli u fil-qafas tal-Ftehim dwar is-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u magħmul fi Praga fis-6 ta' Mejju 2009, fir-rigward ta' materji koperti minn dak il-Ftehim il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li tinkiseb aċċettazzjoni reċiproka ta' ċertifikati u liċenzji.

5. Parti waħda jew l-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha jistgħu jitolbu, fi kwalunkwe żmien, konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra jew mal-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha rigward l-istandards u r-rekwiżiti tas-sikurezza miżmuma u amministrati minn dawk l-awtoritajiet aeronawtiċi. Jekk, wara dawn il-konsultazzjonijiet, il-Parti jew l-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha, li jagħmlu t-talba, jsibu li l-Parti l-oħra jew l-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha ma jżommux u ma jamministrawx standards u rekwiżiti tas-sikurezza b'mod effettiv f'dawn l-oqsma, li, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, huma mill-inqas daqs l-istandards minimi stabbiliti skont il-Konvenzjoni, il-Parti l-oħra jew l-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha għandhom ikunu notifikati b'riżultati bħal dawn u bil-passi li jkunu meqjusa meħtieġa għall-konformità ma' dawn l-istandards minimi. Jekk il-Parti l-oħra jew l-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha jonqsu milli jwettqu azzjoni korrettiva xierqa fi żmien ħmistax-il (15) jum, jew xi perijodu ieħor li jista' jkun deċiż, dan għandu jikkostitwixxi bażi għall-Parti jew l-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha, li jagħmlu t-talba biex jirrevokaw, jissospendu jew jillimitaw l-awtorizzazzjoni operattiva jew il-permessi tekniċi jew biex jissospendu jew jillimitaw b'mod ieħor l-operazzjonijiet ta' linja tal-ajru, li s-sorveljanza tas-sikurezza fir-rigward tagħha hija r-responsabbiltà tal-Parti l-oħra jew tal-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha.

6. Kull parti taċċetta li kwalunkwe inġenju tal-ajru operat minn, jew f'isem, linja tal-ajru ta' Parti, jista', waqt li jkun fit-territorju tal-Parti l-oħra, ikun is-suġġett ta' spezzjoni fuq l-art mill-awtoritajiet aeronawtiċi tal-Parti l-oħra, biex tkun ivverifikata l-validità tad-dokumenti rilevanti tal-inġenju tal-ajru, u dawk tal-membri tal-ekwipaġġ tiegħu u l-kondizzjoni minn barra tal-inġenju tal-ajru u t-tagħmir tiegħu, sakemm tali kontroll ma jikkawżax dewmien mhux raġonevoli fl-operat tal-inġenju tal-ajru.

7. Jekk l-awtoritajiet aeronawtiċi ta' Parti, wara li jwettqu l-ispezzjoni tar-rampa, isibu li inġenju tal-ajru jew l-operat ta' inġenju tal-ajru ma jkunx konformi mal-istandards minimi stabbiliti f'dak iż-żmien skont il-Konvenzjoni jew ikun hemm nuqqas ta' manutenzjoni u amministrazzjoni effettiva tal-istandards tas-sikurezza stabbiliti f'dak iż-żmien skont il-Konvenzjoni, l-awtoritajiet aeronawtiċi ta' dik il-Parti għandhom jinnotifikaw lill-aworitajiet aeronawtiċi tal-Parti l-oħra li jkunu responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-linja tal-ajru li topera l-inġenju tal-ajru dwar tali riżultati u l-passi meqjusa meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' dawn l-istandards minimi. Nuqqas ta' azzjoni korrettiva adattata fi żmien ħmistax-il (15) jum għandu jikkostitwixxi raġuni għar-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet operattivi jew tal-permessi tekniċi jew biex b'xi mod ieħor ikun hemm sospensjoni jew limitazzjoni tal-operat tal-linja tal-ajru li topera l-inġenju tal-ajru. L-istess determinazzjoni tista' ssir fil-każ ta' ċaħda ta' aċċess għall-ispezzjoni fuq l-art.

8. Kull Parti, permezz tal-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha, għandu jkollha d-dritt li taġixxi immedjatament, inkluż id-dritt li tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet operattivi jew il-permessi tekniċi jew b'xi mod ieħor tissospendi jew tillimita l-operat ta' linja tal-ajru tal-Parti l-oħra, jekk jikkonkludu li dan huwa meħtieġ minħabba theddida immedjata għas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili. Fejn ikun prattiku, il-Parti li tieħu tali miżuri għandha tfittex li tikkonsulta lill-Parti l-oħra minn qabel.

9. Kwalunkwe azzjoni minn Parti jew mill-awtoritajiet aeronawtiċi responsabbli tagħha f'konformità mal-Paragrafi 5, 7 jew 8 ta' dan l-Artikolu għandha tintemm ladarba l-bażi għat-teħid ta' dik l-azzjoni ma tibqax teżisti.

*Artikolu 7*

**Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili**

1. B'konsistenza mad-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li, l-obbligu tagħhom lejn xulxin sabiex jipproteġu s-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' ndħil illegali, jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim.

2. Mingħajr ma jillimitaw il-ġeneralità tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, il-Partijiet għandhom b'mod partikolari jaġixxu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-*Konvenzjoni dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra Mwettqa Abbord Inġenji tal-Ajru*, magħmula f'Tokyo fl-14 ta' Settembru 1963, il-*Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Ħtif Illegali ta' Inġenji tal-Ajru*, magħmula fl-Aja fis-16 ta' Diċembru 1970, il-*Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili*, magħmula f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971, il-*Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza f'Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Internazzjonali*, magħmul f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988, u l-*Konvenzjoni dwar l-Immarkar ta' Splussivi tal-Plastik għall-Fini ta' Skoperta*, magħmula f'Montreal, fl-1 ta' Marzu 1991, u kwalunkwe ftehim multilaterali ieħor li jirregola s-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili vinkolanti fuq il-Partijiet.

3. Il-Partijiet għandhom jipprovdu, fuq talba, kull għajnuna meħtieġa lil xulxin għall-prevenzjoni ta' atti ta' ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru ċivili u atti oħra ta' ndħil illegali kontra s-sikurezza ta' tali inġenji tal-ajru, il-passiġġieri u l-membri tal-ekwipaġġi tagħhom, l-ajruporti u l-faċilitajiet ta' navigazzjoni tal-ajru, u kwalunkwe theddida oħra għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

4. Il-Partijiet għandhom jaġixxu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u indikati bħala Annessi għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali sakemm tali dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà huma applikabbli għall-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jeżiġu li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru tar-reġistru tagħhom, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru li għandhom il-post prinċipali tan-negozju jew ir-residenza permanenti tagħhom fit-territorju tagħhom, u l-operaturi tal-ajruporti fit-territorju tagħhom jaġixxu f'konformità ma' tali dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. Għaldaqstant, kull Parti, meta ssirilha talba, għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra notifika rigward kwalunkwe differenza bejn ir-regolamenti u l-prattiċi tagħha u l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili tal-Annessi msemmija f'dan il-paragrafu, meta dawn id-differenzi jaqbżu jew jikkumplimentaw tali standards u jkollhom relevanza għall-operaturi tal-Parti l-oħra. Kull Parti tista' fi kwalunkwe żmien titlob konsultazzjonijiet, li jridu jsiru mingħajr dewmien mhux raġonevoli, mal-Parti l-oħra, biex ikunu diskussi tali differenzi.

5. B'konsiderazzjoni sħiħa u rispett reċiproku għas-sovranità tal-istati, kull Parti taqbel li l-operaturi ta' inġenji tal-ajru msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu meħtieġa li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili msemmijin f'dak il-paragrafu meħtieġa mill-Parti l-oħra għad-dħul ġewwa, tluq minn, jew waqt li jkunu fit-territorju ta' dik il-Parti l-oħra. Kull Parti għandha tiżgura li miżuri adattati jkunu applikati b'mod effettiv fit-territorju tagħha biex tipproteġi l-inġenji tal-ajru u biex teżerċita kontrolli tas-sigurtà fuq il-passiġġieri, il-membri tal-ekwipaġġ, il-bagalji, l-oġġetti li jġorru magħhom, il-merkanzija, il-posta u l-provvisti tal-inġenji tal-ajru qabel jitilgħu abbord jew jitgħabbew.

6. Il-Partijiet jaqblu li jaħdmu għall-kisba ta' rikonoxximent reċiproku tal-istandards tas-sigurtà ta' xulxin u li jikkooperaw mill-qrib rigward il-miżuri tal-kontroll tal-kwalità fuq bażi reċiproka. Il-Partijiet jaqblu wkoll, fejn adattat, u abbażi ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu mill-Partijiet separatament, li joħolqu l-prekondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' sigurtà permezz ta' waqfa waħda għat-titjiriet bejn it-territorji tal-Partijiet, jiġifieri l-eżenzjoni tal-passiġġieri fi transitu, il-bagalji fi transitu, u/jew il-merkanzija fi transitu minn kontroll mill-ġdid. Għal dan il-għan, huma għandhom jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi

li jippermettu konsultazzjonijiet rigward il-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili eżistenti jew ippjanati u għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar miżuri ta' kontroll tal-kwalità implimentati mill-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar miżuri tas-sigurtà ppjanati li huma ta' rilevanza għall-operaturi bbażati fit-territorju tal-Parti l-oħra rigward tali arranġamenti amministrattivi.

7. Kull Parti għandha, safejn ikun prattiku, tilqa' kwalunkwe talba mill-Parti l-oħra għal miżuri tas-sigurtà speċjali raġonevoli minħabba xi theddida partikolari għal titjira speċifika jew sensiela ta' titjiriet speċifika.

8. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw rigward l-ispezzjonijiet tas-sigurtà mwettqa minnhom fit-territorju tagħhom permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżimi, inklużi arranġamenti amministrattivi, għall-iskambju reċiproku ta' informazzjoni dwar ir-riżultati ta' tali spezzjonijiet tas-sigurtà. Il-Partijiet jaqblu li jikkunsidraw b'mod pożittiv talbiet biex jipparteċipaw, bħala osserrvaturi, fi spezzjonijiet tas-sigurtà mwettqa mill-Parti l-oħra.

9. Meta jkun hemm inċident jew theddida ta' inċident ta' ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru ċivili jew atti oħra ta' indħil illegali kontra s-sikurezza ta' tali inġenji tal-ajru, il-passiġġieri u l-membri tal-ekwipaġġ tagħhom, l-ajruporti jew il-faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru, il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin billi jħaffu l-komunikazzjonijiet u jwettqu miżuri oħra adatti maħsuba sabiex itemmu b'ħeffa u sikurezza tali inċident jew theddida ta' inċident.

10. Meta Parti jkollha raġunijiet raġonevoli sabiex temmen li l-Parti l-oħra tkun tbiegħdet mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, dik il-Parti, permezz tal-awtoritajiet responsabbli tagħha, tista' titlob konsultazzjonijiet. Tali konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data ta' tali talba. Jekk ma jintlaħaqx qbil sodisfaċenti fi żmien ħmistax-il (15) jum mill-bidu tal-konsultazzjonijiet, dan għandu jikkostitwixxi l-bażi għall-Parti li talbet il-konsultazzjonijiet biex taġixxi għażżamma, ir-revoka, is-sospensjoni jew l-impożizzjoni ta' kondizzjonijiet adattati fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet tal-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra. Meta jkun ġustifikat minħabba emerġenza, jew għall-prevenzjoni ta' aktar nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, il-Parti li temmen li l-Parti l-oħra tkun tbiegħdet mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu tista' twettaq azzjoni interim adattata fi kwalunkwe żmien.

11. Mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata sabiex tiġi protetta s-sigurtà fit-trasport, il-Partijiet jaffermaw li meta tqis il-miżuri tas-sigurtà, Parti għandha tevalwa l-effetti ekonomiċi u operattivi kuntrarji possibbli fuq l-operat tas-servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim u, safejn tkun tippermettilha l-liġi, għandha tqis tali fatturi meta tiddetermina x'miżuri huma meħtieġa u adattati sabiex ikunu indirizzati dawk il-problemi ta' sigurtà.

*Artikolu 8*

**Dazji Doganali, Taxxi u Tariffi**

1. Kull Parti għandha, safejn hu possibbli skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tagħha, u abbażi ta' reċiproċità, teżenta lil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-inġenji tal-ajru operati fit-trasport bl-ajru internazzjonali, it-tagħmir regolari tagħhom, il-karburant, il-lubrikanti, il-provvisti tekniċi konsumabbli, it-tagħmir tal-art, il-partijiet tat-tiswija (inklużi l-magni), il-provvisti tal-inġenji tal-ajru (inklużi iżda mhux limitati għal oġġetti bħall-ikel, ix-xorb u x-xorb alkoħoliku, it-tabakk u prodotti oħra maħsuba għall-bejgħ lill-passiġġieri jew għall-użu tagħhom fi kwantitajiet limitati waqt it-titjira) tagħhom, u oġġetti oħra maħsuba jew użati biss f'rabta mal-operat jew il-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li jaħdmu fit-trasport internazzjonali bl-ajru mir-restrizzjonijiet kollha fuq l-importazzjoni, it-taxxi fuq il-proprjetà u t-taxxi fuq il-kapital, id-dazji doganali, it-taxxi tas-sisa, u miżati u tariffi simili li huma imposti mill-Partijiet, u mhux ibbażati fuq l-ispiża tas-servizzi fornuti.

2. Kull Parti għandha teżenta wkoll, sa fejn hu possibbli skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali u abbażi ta' reċiproċità, mit-taxxi, mis-sisa, mid-dazji, mill-miżati u mit-tariffi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief għat-tariffi bbażati fuq l-ispiża tas-servizz fornut:

(a) il-provvisti tal-inġenji tal-ajru mdaħħla jew fornuti fit-territorju ta' Parti u imbarkati, f'limiti raġonevoli, għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu ser jitilqu ta' linja tal-ajru tal-Parti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali tal-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu ser jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettaq fuq it-territorju msemmi;

(b) it-tagħmir tal-art u l-partijiet tat-tiswija (inklużi l-magni) imdaħħla fit-territorju ta' Parti għal service, għall-manutenzjoni, jew it-tiswija tal-inġenji tal-ajru ta' linja tal-ajru tal-Parti l-oħra użati fit-trasport internazzjonali tal-ajru kif ukoll tagħmir tal-kompjuter u partijiet ta' komponenti għall-ġestjoni tal-passiġġieri jew il-merkanzija, jew għall-kontrolli tas-sigurtà;

(c) il-karburant, il-lubrikanti u l-provvisti tekniċi konsumabbli mdaħħla jew fornuti fit-territorju ta' Parti biex jintużaw f'inġenji tal-ajru ta' linja tal-ajru tal-Parti l-oħra involuta fit-trasport internazzjonali tal-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu intenzjonati għall-użu waqt parti mill-vjaġġ imwettaq fuq it-territorju msemmi; u

(d) materjal stampat, inklużi l-biljetti tal-ajru, il-qoxra tal-biljetti, il-biljett ta' kunsinna bl-ajru u materjal pubbliċitarju ieħor relatat imqassam mingħajr ħlas mil-linja tal-ajru.

3. It-tagħmir li jinġarr abbord regolarment, kif ukoll il-materjal u l-provvisti normalment miżmuma abbord inġenju tal-ajru użat minn linja tal-ajru ta' Parti, jista' jinħatt fit-territorju tal-Parti l-oħra biss bl-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali ta' dak it-territorju. F'tali każ, jista' jkun meħtieġ li jitpoġġew taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet imsemmija sa meta jkunu esportati mill-ġdid jew imneħħija b'mod ieħor f'konformità mar-regolamenti doganali.

4. L-eżenzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli wkoll meta l-linji tal-ajru ta' Parti jkunu għamlu kuntratt ma' linja tal-ajru oħra, li bħalhom tgawdi tali eżenzjonijiet mill-Parti l-oħra, għas-self jew it-trasferiment fit-territorju tal-Parti l-oħra tal-oġġetti speċifikati fil-Paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet rispettivi fis-seħħ bejn Stat Membru u l-Kanada biex tkun evitata t-tassazzjoni doppja fuq id-dħul u fuq il-kapital mhumiex mibdula b'dan il-Ftehim.

*Artikolu 9*

**Statistika**

1. Kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra statistika li tkun meħtieġa mil-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, u, meta tintalab, informazzjoni statistika oħra disponibbli kif tkun meħtieġa b'mod raġonevoli għall-fini ta' analiżi tal-operat tas-servizzi tal-ajru.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qafas tal-Kumitat Konġunt biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni statistika bejniethom għall-fini tas-sorveljanza tal-iżvilupp tas-servizzi tal-ajru.

*Artikolu 10*

**Interessi tal-Konsumatur**

1. Kull Parti tirrikonoxxi l-importanza tal-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u hija tista' tieħu jew tista' tirrikjedi li l-linji tal-ajru jieħdu, fuq bażi mhux diskriminatorja, miżuri raġonevoli u proporzjonati dwar il-materji li ġejjin, li jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

(a) rekwiżiti għall-protezzjoni ta' fondi mogħtija bil-quddiem lil-linji tal-ajru;

(b) inizjattivi ta' kumpens għal imbarkar miċħud;

(c) rimborżi lill-passiġġieri;

(d) żvelar pubbliku tal-identità ta' trasportatur bl-ajru li attwalment ikun qiegħed jopera l-inġenju tal-ajru;

(e) is-saħħa finanzjarja tal-linji tal-ajru tagħha stess;

(f) assigurazzjoni rigward ir-responsabbiltà għall-korriment tal-passiġġieri; u

(g) l-istabbiliment ta' miżuri ta' aċċessibbiltà.

2. Il-Partijiet jippruvaw jikkonsultaw lil xulxin, fil-qafas tal-Kumitat Konġunt, rigward kwistjonijiet ta' interess għall-konsumaturi, inklużi l-miżuri ppjanati tagħhom, bil-ħsieb li safejn huwa possibbli jinkisbu approċċi kompatibbli.

*Artikolu 11*

**Disponibbiltà ta' Ajruporti u Faċilitajiet u Servizzi tal-Avjazzjoni**

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-ajruporti, ir-rotot, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, is-servizzi ta' ground handling, u faċilitajiet u servizzi oħra relatati li huma pprovduti fit-territorju tagħha għandhom ikunu disponibbli għall-użu mil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra fuq bażi mhux diskriminatorja fiż-żmien meta jsiru l-arranġamenti għall-użu.

2. Safejn hu possibbli, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha raġonevoli biex jiżguraw aċċess effettiv għall-faċilitajiet u s-servizzi, soġġetti għal limitazzjonijiet legali, operattivi u fiżiċi u abbażi ta' opportunitajiet ġusti u ekwi, u t-trasparenza fir-rigward tal-proċeduri għall-ksib tal-aċċess.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri, il-linji gwida u r-regolamenti tagħha għall-ġestjoni tal-ispazji applikabbli għall-ajruporti fit-territorju tagħha jkunu applikati b'mod trasparenti, effettiv u mhux diskriminatorju.

4. Jekk Parti temmen li l-Parti l-oħra qed tikser dan l-Artikolu, hija tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar ir-riżultati tagħha u titlob konsultazzjoni skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 17 (Kumitat Konġunt).

*Artikolu 12*

**Tariffi għall-Ajruporti u Faċilitajiet u Servizzi tal-Avjazzjoni**

1. Kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi għall-utenti li jistgħu jkunu imposti mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti tagħha li jitolbu ħlas mingħand il-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra għall-użu tas-servizzi tan-navigazzjoini bl-ajru u l-kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu ġusti, raġonevoli, relatati mal-ispejjeż u mhux diskriminatorji b'mod inġust. Fi kwalunkwe każ, tariffi tal-utenti bħal dawn għandhom ikunu evalwati fuq il-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra b'termini mhux inqas favorevoli mit-termini l-aktar favorevoli disponibbli għal kwalunkwe linja tal-ajru oħra.

2. Kull Parti għandha tiżgura li t-tariffi għall-utenti li jistgħu jkunu imposti mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti tagħha li jitolbu ħlas mingħand il-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra għall-użu tal-ajruporti, is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u faċilitajiet u servizzi relatati għandhom ikunu ġusti, raġonevoli, mhux diskriminatorji b'mod inġust, u mqassma b'mod ekwu fost il-kategoriji tal-utenti. Dawn it-tariffi jistgħu jirriflettu, imma m'għandhomx jaqbżu, l-ispiża sħiħa għall-awtoritajiet jew korpi kompetenti li jitolbu ħlas għall-forniment tal-faċilitajiet u s-servizzi adattati tas-sigurtà tal-ajruport u tal-avjazzjoni ċivili f'dak l-ajruport jew fis-sistema ta' dak l-ajruport. Dawn it-tariffi jistgħu jinkludu dħul raġonevoli fuq l-assi, wara d-deprezzament. Il-faċilitajiet u s-servizzi li għalihom jintalab il-ħlas mingħand l-utenti għandhom ikunu pprovduti fuq bażi effiċjenti u ekonomika. Fi kwalunkwe każ, dawn it-tariffi għandhom ikunu evalwati fuq il-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra b'termini mhux inqas favorevoli mit-termini l-aktar favorevoli disponibbli għal kwalunkwe linja tal-ajru oħra fiż-żmien meta jkunu evalwati t-tariffi.

3. Kull Parti għandha tinkoraġġixxi konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet jew korpi kompetenti li jitolbu l-ħlas fit-territorju tagħha u l-linji tal-ajru jew il-korpi rappreżentattivi tagħhom li jużaw is-servizzi u l-faċilitajiet, u għandha tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet jew korpi kompetenti li jitolbu l-ħlas u l-linji tal-ajru jew il-korpi rappreżentattivi tagħhom biex jiskambjaw tali informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex tkun tista' ssir analiżi preċiża dwar kemm ikunu raġonevoli t-tariffi skont il-prinċipji tal-Paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Kull Parti għandha tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti li jitolbu l-ħlas biex jagħtu lill-utenti avviż raġonevoli rigward kwalunkwe proposta ta' bidliet fil-ħlas mill-utenti sabiex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jqisu l-fehmiet espressi mill-utenti qabel isiru l-bidliet.

4. L-ebda Parti m'għandha titqies li tkun qed tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Artikolu, fil-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 21 (Soluzzjoni ta' Tilwim), sakemm:

(a) ma tonqosx li tagħmel analiżi tal-ħlas jew tal-prattika, li jkun is-suġġett ta' lment mill-Parti l-oħra, fi żmien raġonevoli; jew

(b) wara analiżi bħal din, ma tonqosx li tieħu l-passi kollha fis-setgħa tagħha sabiex tirrimedja kwalunkwe ħlas jew prattika li jkun inkonsistenti ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 13*

**Qafas Kummerċjali**

1. Kull Parti għandha tippermetti opportunità ġusta u ekwa għal-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra biex ifornu servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim.

Kapaċità

2. Kull Parti għandha tippermetti lil kwalunkwe linja tal-ajru tal-Parti l-oħra li tiddetermina l-frekwenza u l-kapaċità tas-servizzi tal-ajru li toffri skont dan il-Ftehim abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali tal-linja tal-ajru fis-suq. L-ebda Parti m'għandha unilateralment tillimita l-volum tat-traffiku, il-frekwenza jew ir-regolarità ta' servizz, jew it-tip jew tipi tal-inġenji tal-ajru operati mil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra, u lanqas għandha tirrikjedi l-mili ta' skedi, programmi għal titjiriet ċarter, jew pjanijiet ta' operazzjonijiet minn linji tal-ajru tal-Parti l-oħra, ħlief kif ikun meħtieġ minħabba raġunijiet tekniċi, operattivi jew ambjentali (il-kwalità tal-arja u l-istorbju lokali) skont kondizzjonijiet uniformi konsistenti mal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni.

Codesharing

3. (a) Soġġett għar-rekwiżiti regolatorji normalment applikati għal tali operazzjonijiet minn kull Parti, kwalunkwe linja tal-ajru tal-Parti l-oħra tista' tagħmel arranġamenti kooperattivi għall-finijiet ta':

(i) iż-żamma tas-servizzi tal-ajru tagħha fir-rotot speċifikati permezz ta' bejgħ ta' trasport taħt il-kodiċi tagħha stess f'titjiriet operati minn kwalunkwe linja tal-ajru tal-Kanada, jew tal-Istati Membri, u/jew ta' kwalunkwe pajjiż terz; u/jew fornitur tat-trasport bl-art jew bil-baħar ta' kwalunkwe pajjiż,

(ii) il-ġarr ta' traffiku taħt il-kodiċi ta' kwalunkwe linja tal-ajru oħra fejn tali linja tal-ajru kienet awtorizzata mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta' Parti biex tbiegħ it-trasport taħt il-kodiċi tagħha stess f'titjiriet imħaddma minn kwalunkwe linja tal-ajru ta' Parti.

(b) Parti tista' tirrikjedi lil-linji tal-ajru kollha involuti f'arranġamenti ta' codesharing biex ikollhom awtorità adatta għar-rotta sottostanti.

(c) Parti m'għandhiex iżżomm il-permess għal servizzi ta' codesharing identifikati fil-paragrafu (3)(a)(i) ta' dan l-Artikolu fuq il-bażi li l-linja tal-ajru li topera l-inġenju tal-ajru m'għandhiex id-dritt li ġġorr traffiku taħt il-kodiċi ta' linji tal-ajru oħrajn.

(d) Il-Partijiet għandhom jirrikjedu li l-linji tal-ajru kollha involuti f'tali arranġamenti ta' codesharing biex jiżguraw li l-passiġġieri jkunu informati b'mod sħiħ rigward l-identità tal-operatur u l-mod tat-trasport għal kull parti tal-vjaġġ.

Ground Handling

4. Kull Parti għandha tippermetti lil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra meta jkunu qed joperaw fit-territorju tagħha:

(a) abbażi ta' reċiproċità, li jwettqu s-servizzi ta' ground handling tagħhom stess fit-territorju tagħha u, jekk ikunu jridu, jużaw servizzi ta' ground handling ipprovduti b'mod sħiħ jew parzjalment minn kwalunkwe aġent awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti tagħha biex iforni tali servizzi; u

(b) li jipprovdu servizzi ta' ground handling lil linji tal-ajru oħrajn li joperaw fl-istess ajruport, meta dan ikun awtorizzat u konsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

5. L-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fil-paragrafi 4(a) u (b) ta' dan l-Artikolu għandu jkun soġġett biss għal limitazzjonijiet fiżiċi jew operattivi kkawżati primarjament minn kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza jew sigurtà tal-ajruport. Kwalunkwe restrizzjonijiet għandhom ikunu applikati b'mod uniformi u b'termini mhux inqas favorevoli mill-aktar termini favorevoli disponibbli għal kwalunkwe linja tal-ajru ta' kwalunkwe pajjiż involut f'servizzi tal-ajru internazzjonali simili fiż-żmien meta jkunu imposti l-limitazzjonijiet.

Rappreżentanti tal-Linji tal-Ajru

6. Kull Parti għandha tippermetti:

(a) lil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra, abbażi ta' reċiproċità, li jdaħħlu u jżommu fit-territorju tagħha r-rappreżentanti u l-persunal kummerċjali, maniġerjali, tal-bejgħ, tekniku, operattiv, u persunal speċjalizzat ieħor tagħhom, kif meħtieġ f'rabta mas-servizzi tagħhom;

(b) dawn ir-rekwiżiti rigward il-persunal, jekk ikunu jridu l-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra, jistgħu jkunu ssodisfati mill-persunal tagħhom stess jew, billi jintużaw is-servizzi ta' kwalunkwe organizzazzjoni, kumpanija jew linja tal-ajru oħra li topera fit-territorju tagħha u hija awtorizzata biex twettaq tali servizzi għal linji tal-ajru oħrajn; u

(c) il-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra li jistabbilixxu uffiċċji fit-territorju tagħha għall-promozzjoni u l-bejgħ tat-trasport bl-ajru u ħidmiet relatati.

7. Kull Parti għandha tirrikjedi li r-rappreżentanti u l-persunal tal-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra li jkunu soġġetti għal-liġijiet u r-regolamenti tagħha. F'konsistenza ma' tali liġijiet u regolamenti:

(a) kull Parti għandha, bl-inqas dewmien, tagħti l-awtorizzazzjonijiet tal-impjieg meħtieġa, il-viżas tal-viżitaturi u dokumenti simili oħra lir-rappreżentanti u l-persunal imsemmijin fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu; u

(b) kull Parti għandha tiffaċilita u tgħaġġel l-approvazzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit għall-awtorizzazzjonijiet tal-impjieg għall-persunal li jwettaq ċerti doveri temporanji li ma jaqbżux disgħin (90) jum.

Bejgħ, Spejjeż Lokali, u Trasferiment ta' Fondi

8. Kull Parti għandha tippermetti lil-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra:

(a) li jieħdu sehem fil-bejgħ ta' trasport bl-ajru fit-territorju tagħha direttament jew, skont kif jagħżlu l-linji tal-ajru, permezz tal-aġenti tagħhom, u li jbiegħu t-trasport fil-valuta tat-territorju tagħha jew, skont kif jagħżlu l-linji tal-ajru, fil-valuti ta' pajjiżi oħra li jissarrfu liberament, u kwalunkwe persuna għandha tkun libera li tixtri tali trasport fil-valuti aċċettati minn dawk il-linji tal-ajru;

(b) li jħallsu għall-ispejjeż lokali, inklużi dawk għax-xiri ta' karburant, fit-territorju tagħha bil-valuta lokali, skont kif jagħżlu l-linji tal-ajru, f'valuti li jissarrfu liberament; u

(c) li jsarrfu u jibagħtu barra l-pajjiż, meta jintalbu, il-fondi miksuba matul l-andament normali tal-operazzjonijiet tagħhom. Tali tisrif u ħlas lura għandhom ikunu permessi mingħajr restrizzjonijiet jew dewmien bir-rata tal-kambju tas-suq applikabbli għal ħlasijiet attwali fid-data tas-sottomissjoni tat-talba għat-trasferiment, u m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda tariffa ħlief it-tariffi tas-servizz normali miġbura mill-banek għal tali transazzjonijiet.

Servizzi Intermodali

9. Kull Parti għandha tippermetti lil-linji tal-ajru li joperaw:

(a) servizzi li jikkombinaw il-passiġġieri, biex jużaw trasport bl-art jew bil-baħar b'rabta mas-servizzi tal-ajru. Tali trasport jista' jkun fornut mil-linji tal-ajru permezz ta' arranġamenti ma' trasportaturi mhux tal-ajru, jew il-linji tal-ajru jistgħu jagħżlu li jwettqu t-trasport mhux bl-ajru huma stess;

(b) servizzi ta' trasport tal-merkanzija, biex jużaw mingħajr restrizzjoni f'rabta mas-servizzi tal-ajru kwalunkwe trasport bl-art jew bil-baħar ta' merkanzija lejn jew minn kwalunkwe punt fit-territorji tal-Partijiet, jew f'pajjiżi terzi, inkluż trasport lejn u mill-ajruporti kollha b'faċilitajiet doganali, u inkluż, fejn applikabbli, trasport ta' merkanzija f'depożitu doganali skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli; l-aċċess għall-ipproċessar u l-faċilitajiet doganali tal-ajruport għall-merkanzija ttrasportata bl-art jew bl-ajru; u li jistgħu jagħżlu li jwettqu t-trasport tal-merkanzija tagħhom stess bl-art, soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali li jirregolaw tali trasport, jew li jipprovduh permezz ta' arranġamenti ma' trasportaturi oħrajn bl-art, inkluż trasport bl-art operat minn linji tal-ajru ta' kwalunkwe pajjiż ieħor; u

(c) servizzi intermodali, li joffru, bi prezz uniku, it-trasport bl-ajru u bl-art ikkombinati, sakemm il-passiġġieri u t-trasportaturi ma jkunux żgwidati dwar il-fatti li jikkonċernaw tali trasport.

Prezzijiet

10. Il-Partijiet għandhom jippermettu li l-prezzijiet ikunu stabbiliti liberament mil-linji tal-ajru abbażi ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta. Ebda Parti m'għandha tieħu azzjoni unilaterali kontra l-introduzzjoni jew il-kontinwazzjoni ta' prezz għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju tagħha.

11. Il-Partijiet m'għandhomx jirrikjedu li l-prezzijiet ikunu rreġistrati mal-awtoritajiet aeronawtiċi.

12. Il-Partijiet għandhom jippermettu lill-awtoritajiet aeronawtiċi l-possibbiltà li jiddiskutu affarijiet bħal, imma mhux limitati għal, il-prezzijiet li jistgħu jkunu inġusti, mhux raġonevoli jew diskriminatorji.

Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzata

13. Il-Partijiet għandhom japplikaw il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom relatati mal-operazzjonijiet ta' Sistemi ta' Prenotazzjoni Kompjuterizzata fit-territorji tagħhom fuq bażi ġusta u mhux diskriminatiorja.

Franchising u Branding

14. Il-linji tal-ajru ta' kwalunkwe Parti jistgħu jipprovdu servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim, skont arranġament ta' franchising jew branding ma' kumpaniji, inklużi linji tal-ajru, sakemm il-linja tal-ajru li tipprovdi s-servizzi tal-ajru jkollha l-awtorità tar-rotta adatta, ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet preskritti skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi, u soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet aeronawtiċi.

Wet Leasing

15. Għall-finijiet tal-forniment tas-servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim, dment li l-linja tal-ajru li tforni s-servizzi tal-ajru u l-operatur tal-inġenju tal-ajru f'tali arranġamenti jkollhom l-awtoritajiet adatti, il-linji tal-ajru tal-Partijiet jistgħu jipprovdu servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim bl-użu ta' inġenji tal-ajru u ekwipaġġ tat-titjir fornuti minn linji tal-ajru oħrajn, inklużi minn pajjiżi oħrajn, soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet aeronawtiċi. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-linji tal-ajru li joperaw l-inġenju tal-ajru mhumiex meħtieġa li jkollhom awtorità tar-rotta sottostanti.

Titjiriet Ċarter / Mhux Skedati

16. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 (Investiment), 5 (Applikazzjoni tal-Liġijiet), 6 (Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili), 7 (Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili), 8 (Dazji Doganali, Taxxi u Tariffi), 9 (Statistika), 10 (Interessi tal-Konsumatur), 11 (Disponibbiltà ta' Ajruporti u Faċilitajiet u Servizzi tal-Avjazzjoni), 12 (Tariffi għall-Ajruporti u Faċilitajiet u Servizzi tal-Avjazzjoni), 13 (Qafas Kummerċjali), 14 (Ambjent Kompetittiv), 15 (Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru), 17 (Kumitat Konġunt) u 18 (Ambjent) ta' dan il-Ftehim japplikaw ukoll għal titjiriet ċarter u titjiriet mhux skedati oħrajn imħaddma minn trasportaturi bl-ajru ta' Parti waħda lejn u mit-territorju tal-Parti l-oħra.

17. Fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet u permessi mitluba lil trasportatur tal-ajru mal-wasla ta' applikazzjonijiet biex jitħaddmu titjiriet ċarter u titjiriet mhux skedati oħrajn, il-Partijiet għandhom jaġixxu bl-inqas dewmien proċedurali possibbli.

*Artikolu 14*

**Ambjent Kompetittiv**

1. Il-partijiet jirrikonoxxu li huwa objettiv konġunt tagħhom li jkun hemm ambjent ġust u kompetittiv għat-tħaddim tas-servizzi tal-ajru. Il-Partijiet jirrikonoxxu li prattiċi kompetittivi ġusti mil-linji tal-ajru għandhom aktar probabbiltà li jseħħu meta dawn il-linji tal-ajru jaħdmu fuq bażi kummerċjali b'mod sħiħ u ma jkunux issussidjati mill-istat. Huma jirrikonoxxu li affarijiet bħal, imma mhux limitati għal, il-kondizzjonijiet li taħthom ikunu pprivatizzati l-linji tal-ajru, it-tneħħija ta' sussidji li jfixklu l-kompetizzjoni, aċċess ekwu u mingħajr diskriminazzjoni għall-faċilitajiet u s-servizzi tal-ajruport u għas-sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata huma fatturi ewlenin biex jinkiseb ambjent ġust u kompetittiv.

2. Jekk Parti ssib li jeżistu kondizzjonijiet fit-territorju tal-Parti l-oħra li jaffettwaw ħażin l-ambjent ġust u kompetittiv u l-operat mil-linji tal-ajru tagħha tas-servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim, hija tista' tissottometti l-osservazzjonijiet lill-Parti l-oħra. Barra minn hekk, hija tista' titlob laqgħa tal-Kumitat Konġunt. Il-Partijiet jaċċettaw li l-grad safejn l-objettivi fil-Ftehim relatati ma' ambjent kompetittiv jistgħu jiġu ppreġudikati minn sussidju jew intervent ieħor, huwa suġġett leġittimu għal diskussjoni fil-Kumitat Konġunt.

3. Kwistjonijiet li jistgħu jitressqu skont dan l-Artikolu 14 jinkludu, imma mhumiex limitati għal, l-injezzjonijiet ta' kapital, sussidji transversali, għotjiet, garanziji, sjieda, eżenzjoni jew ħelsien mit-taxxa, ħarsien kontra l-falliment jew assigurazzjoni minn kwalunkwe entità tal-gvern. Soġġett għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 14, Parti, meta tkun innotifikata minn Parti oħra, tista' tavviċina lill-entitajiet governattivi responsabbli fit-territorju tal-Parti l-oħra, inklużi entitajiet fil-livell statali, provinċjali jew lokali, biex tiddiskuti kwistjonijiet relatati ma' dan l-Artikolu.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni rispettivi tagħhom, kif jagħti xhieda il-"Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Komunitajiet Ewropej rigward l-Applikazzjoni tal-Liġijiet Kompetittivi tagħhom", magħmul f'Bonn fis-17 ta' Ġunju 1999.

5. Jekk, wara konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt, Parti temmen li l-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 14 baqgħu jeżistu u probabbilment ser jikkawżaw żvantaġġ jew dannu sinifikanti lil-linja tal-ajru jew il-linji tal-ajru tagħha, hija tista' taġixxi. Parti tista' taġixxi skont dan il-paragrafu mill-mument tal-istabbiliment, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, ta' proċeduri u kriterji mill-Kumitat Konġunt għall-eżerċizzju ta' tali azzjoni jew sena wara d-data li fiha dan il-Ftehim jiġi applikat proviżorjament mill-Partijiet, jew jidħol fis-seħħ, skont liema tiġi l-ewwel. Kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu għandha tkun adatta, proporzjonata u ristretta fir-rigward tal-kamp tal-applikazzjoni u d-dewmien ta' dak li jkun strettament meħtieġ. Hija għandha tkun diretta esklussivament lejn l-entità li tibbenifika mill-kondizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2, u għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe Parti li taġixxi skont l-Artikolu 21 (Soluzzjoni ta' Tilwim).

*Artikolu 15*

**Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru**

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jindirizzaw is-sorveljanza tas-sikurezza u kwistjonijiet tal-politika relatati mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, bil-ħsieb li jkunu ottimizzati l-effiċjenza ġenerali, it-tnaqqis tal-ispiża, u t-titjib tas-sikurezza u l-kapaċità tas-sistemi eżistenti. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru biex ikomplu jikkollaboraw rigward l-interoperabbiltà biex fejn ikun possibbli jintegraw aktar is-sistemi taż-żewġ naħat, inaqqsu l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni, u jikkondividu l-informazzjoni fejn ikun adatt.

*Artikolu 16*

**Kontinwazzjoni ta' Nomini u Awtorizzazzjonijiet**

1. Kwalunkwe linja tal-ajru tal-Kanada jew ta' Stat Membru li jkollha nomina attwali mill-gvern rispettiv tagħha skont ftehim dwar it-trasport bl-ajru mal-Kanada li ġiet issostitwita b'dan il-Ftehim, għandha titqies li hija linja tal-ajru nnominata biex twettaq servizzi tal-ajru.

2. Kwalunkwe linja tal-ajru tal-Kanada jew ta' Stat Membru li għandha liċenzja jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta' Parti li tkun valida għat-tħaddim ta' servizzi tal-ajru fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha, sakemm tinħareġ liċenzja jew awtorizzazzjoni ġdida jew emendata skont dan il-Ftehim, tkompli tingħata l-awtoritajiet kollha previsti fil-liċenzja jew l-awtorizzazzjoni msemmija u titqies li fihom għandha l-awtorità li topera s-servizzi tal-ajru kif previst f'dan il-Ftehim.

3. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jżomm lil linja tal-ajru ta' Parti mhux imsemmija fil-Paragrafi 1 jew 2 ta' hawn fuq milli tkun innominata jew awtorizzata biex twettaq servizzi tal-ajru.

*Artikolu 17*

**Kumitat Konġunt**

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu kumitat kompost minn rappreżentanti tal-Partijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kumitat Konġunt").

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jidentifika l-awtoritajiet aeronawtiċi u awtoritajiet kompetenti oħrajn rigward materji koperti minn dan il-Ftehim u jiffaċilita l-kuntatti bejniethom.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta jħoss il-ħtieġa u mill-inqas darba fis-sena. Kull Parti tista' titlob li tissejjaħ laqgħa.

4. Parti tista' titlob ukoll laqgħa tal-Kumitat Konġunt sabiex tikkonsulta rigward kwalunkwe kwistjoni relatata mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u biex tfittex ftehim rigward kwalunkwe tħassib imressaq mill-Parti l-oħra. Laqgħa bħal din għandha tibda fl-aktar data kmieni possibbli, iżda mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-wasla tat-talba, dment li l-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet fejn previst espressament f'dan il-Ftehim.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżviluppa l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet u jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-operat jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi, imma mhux limitati għal:

(a) l-analiżi tal-kondizzjonijiet tas-suq li jaffettwaw is-servizzi tal-ajru skont dan il-Ftehim;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi pariri dwar tibdiliet fil-liġi u l-linji politiċi nazzjonali, li jaffettwaw il-Ftehim;

(c) il-kunsiderazzjoni ta' oqsma potenzjali għal aktar żvilupp tal-Ftehim, inkluża r-rakkomandazzjoni ta' emendi għall-Ftehim;

(d) ir-rakkomandazzjoni ta' kondizzjonijiet, proċeduri, u emendi meħtieġa biex l-Istati Membri l-ġodda jsiru Partijiet f'dan il-Ftehim; u

(e) id-diskussjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-investiment, is-sjieda u l-kontroll, u l-konferma meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet għall-ftuħ b'mod progressiv tad-drittijiet tat-traffiku kif stabbilit fl-Anness 2 għal dan il-Ftehim.

7. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżviluppa kooperazzjoni u jrawwem skambji f'livell ta' esperti dwar inizjattivi leġislattivi jew regolatorji ġodda.

8. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, b'deċiżjoni, ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

9. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt għandhom isiru b'kunsens.

*Artikolu 18*

**Ambjent**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ħarsien tal-ambjent waqt l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-avjazzjoni internazzjonali.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont id-dritt internazzjonali u l-Konvenzjoni, kull Parti fil-ġurisdizzjoni sovrana tagħha stess għandha d-dritt li twettaq u tapplika l-miżuri adatti biex tindirizza l-impatti ambjentali tat-trasport bl-ajru sakemm tali miżuri jkunu applikati mingħajr distinzjoni rigward in-nazzjonalità.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' miżuri għall-ħarsien tal-ambjent għandhom jitqiesu bir-reqqa fl-iżvilupp tal-politika tal-avjazzjoni internazzjonali. Meta Parti tkun qed tikkunsidra miżuri ambjentali proposti, hija għandha tevalwa l-possibbiltà ta' effetti ħżiena fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet li hemm f'dan il-Ftehim, u, jekk tali miżuri jkunu adottati, hija għandha tieħu l-passi adatti sabiex jittaffew tali effetti ħżiena.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jaħdmu flimkien, u fil-qafas ta' diskussjonijiet multilaterali, li jikkunsidraw l-effetti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent u l-ekonomija, u li jiżguraw li kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni tkun konsistenti b'mod sħiħ mal-objettivi ta' dan il-Ftehim.

5. Meta jiġu stabbiliti miżuri ambjentali, l-istandards ambjentali għall-avjazzjoni adottati mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fl-Annessi għall-Konvenzjoni għandhom ikunu segwiti ħlief fejn ġew irreġistrati differenzi.

6. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkonsultaw lil xulxin rigward materji relatati mal-ambjent, inkluż dwar il-miżuri ppjanati li potenzjalment jista' jkollhom effett sinifikanti fuq is-servizzi tal-ajru internazzjonali koperti minn dan il-Ftehim, bil-ħsieb li safejn hu possibbli jiksbu approċċi kompatibbli. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 30 jum mill-wasla ta' tali talba, jew kwalunkwe perijodu ieħor ta' żmien li jkun iddeterminat miż-żewġ naħat.

*Artikolu 19*

**Kwistjonijiet ta' Xogħol**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġu kkunsidrati l-effetti ta' dan il-Ftehim fuq ix-xogħol, l-impjiegi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol.

2. Kwalunkwe Parti tista' titlob laqgħa tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 17 sabiex ikunu diskussi l-kwistjonijiet dwar ix-xogħol msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 20*

**Kooperazzjoni Internazzjonali**

Il-Partijiet jistgħu jressqu quddiem il-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 17, kwistjonijiet relatati ma':

(a) organizzazzjonijiet tat-trasport bl-ajru u organizzazzjonijiet internazzjonali;

(b) żviluppi possibbli fir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet u pajjiżi oħrajn fit-trasport bl-ajru; u

(c) xejriet fl-arranġamenti bilaterali jew multilaterali

inklużi, fejn hu possibbli, proposti dwar l-iżvilupp ta' pożizzjonijiet ikkoordinati f'dawn l-oqsma.

*Artikolu 21*

**Soluzzjoni ta' Tilwim**

1. Jekk tinqala' tilwima bejn il-Partijiet relatata mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, huma għandhom l-ewwel nett jippruvaw jilħqu ftehim permezz ta' konsultazzjonijiet formali fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Tali konsultazzjonijiet formali għandhom jibdew mill-aktar fis u minkejja l-paragrafu 4 tal-Artikolu 17, f'perjodu ta' mhux aktar minn 30 jum mid-data tal-wasla għand Parti tat-talba bil-miktub magħmula mill-Parti l-oħra, li tirreferi għal dan l-Artikolu, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Partijiet.

2. Jekk ma tintlaħaqx soluzzjoni għal tilwima fi żmien 60 jum mill-wasla tat-talba għal konsultazzjonijiet formali, it-tilwima tista' tiġi referuta lil persuna jew korp għal deċiżjoni bil-kunsens tal-Partijiet. Jekk il-Partijiet ma jaqblux dwar dan, it-tilwima għandha, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, tkun sottomessa għal arbitraġġ minn tribunal ta' tliet arbitri skont il-proċeduri stabbiliti hawn taħt.

3. Fi żmien 30 jum mill-wasla ta' talba għal arbitraġġ, kull Parti fit-tilwima għandha tinnomina arbitru indipendenti. It-tielet arbitru għandu jinħatar fi żmien 45 jum oħra bi ftehim bejn iż-żewġ arbitri nnominati mill-Partijiet. Jekk xi waħda mill-Partijiet tonqos milli taħtar arbitru fiż-żmien speċifikat, jew jekk it-tielet arbitru ma jinħatarx fil-perjodu speċifikat, il-President tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali jista' jintalab minn waħda mill-Partijiet sabiex jaħtar arbitru jew arbitri skont il-każ. Jekk il-President ikun tal-istess nazzjonalità bħal waħda mill-Partijiet, il-Viċi President l-iktar anzjan li ma jkunx skwalifikat għal dik ir-raġuni għandu jagħmel il-ħatra. Fil-każijiet kollha, it-tielet arbitru għandu jkun ċittadin ta' Stat terz, għandu jaġixxi bħala l-President tat-Tribunal u għandu jiddetermina l-post fejn għandu jsir l-arbitraġġ.

4. It-Tribunal għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u l-iskeda tal-proċedimenti.

5. Fuq talba ta' Parti, it-Tribunal jista' jordna lill-Parti l-oħra fit-tilwima sabiex timplimenta miżuri interim ta' rimedju sad-deċiżjoni finali tat-Tribunal.

6. It-Tribunal għandu jipprova jagħti deċiżjoni bil-miktub fi żmien 180 jum mill-wasla tat-talba għal arbitraġġ. Għandha tipprevali d-deċiżjoni tal-maġġoranza tat-Tribunal.

7. Jekk it-Tribunal jiddetermina li kien hemm ksur ta' dan il-Ftehim u l-Parti responsabbli ma tirrimedjax dan il-ksur, jew ma tilħaqx qbil mal-Parti l-oħra dwar soluzzjoni sodisfaċenti għat-tnejn fi żmien 30 jum min-notifika tad-deċiżjoni tat-Tribunal, il-Parti l-oħra tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' benefiċċji ekwivalenti li joħorġu minn dan il-Ftehim sakemm tinstab soluzzjoni għat-tilwima.

8. L-ispejjeż tat-Tribunal għandhom ikunu kondiviżi b'mod indaqs bejn il-Partijiet fit-tilwima.

9. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri għandhom jaġixxu flimkien.

*Artikolu 22*

**Emendi**

Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim tista' tiġi ddeterminata b'mod konġunt mill-Partijiet skont konsultazzjonijiet li jsiru f'konformità mal-Artikolu 17 (Kumitat Konġunt) ta' dan il-Ftehim. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ f'konformità mat-termini stabbiliti fl-Artikolu 23 (Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Proviżorja).

*Artikolu 23*

**Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Proviżorja**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ xahar wara d-data tal-aħħar nota diplomatika li fiha l-Partijiet jikkonfermaw li tlestew il-proċeduri kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għall-finijiet ta' dan l-iskambju, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jinnominaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kanada għandha tibgħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea n-nota/i diplomatika/diplomatiċi lill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jibgħat lill-Kanada n-noti diplomatiċi mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. In-nota diplomatika jew in-noti diplomatiċi mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandu jkun fihom il-komunikazzjonijiet minn kull Stat Membru li jikkonfermaw li l-proċeduri meħtieġa tiegħu biex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, tlestew.

2. Minkejja l-Paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li japplikaw proviżorjament dan il-Ftehim f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-Partijiet mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara d-data tal-aħħar nota li biha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri nazzjonali rilevanti biex dan il-Ftehim ikun applikat proviżorjament.

*Artikolu 24*

**Terminazzjoni**

Parti tista', fi kwalunkwe żmien, tagħti avviż bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi lill-Parti l-oħra dwar id-deċiżjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim. Tali avviż għandu jintbagħat fl-istess ħin lill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u s-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan il-Ftehim għandu jintemm sena (1) wara d-data tal-wasla tal-avviż għand il-Parti l-oħra, sakemm l-avviż tat-teminazzjoni ma jkunx irtirat bi qbil bejn iż-żewġ naħat qabel it-tmiem ta' dan il-perijodu. Fin-nuqqas ta' konferma tal-wasla mil-Parti l-oħra, l-avviż għandu jitqies li jkun wasal erbatax-il (14) jum wara l-wasla tal-avviż għand l-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u s-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 25*

**Reġistrazzjoni tal-Ftehim**

Dan il-Ftehim u kwalunkwe emenda għalih għandhom ikunu rreġistrati mal-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u s-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità mal-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, wara d-dħul fis-seħħ tagħhom. Il-Parti l-oħra għandha tiġi infurmata bir-reġistrazzjoni malli din tkun ġiet ikkonfermata mis-Segretarjati tal-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 26*

**Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħrajn**

1. Jekk il-Partijiet isiru partijiet għal ftehim multilaterali, jew japprovaw deċiżjoni adottata mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali jew minn organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali oħra, li tindirizza materji koperti minn dan il-Ftehim, huma għandhom jikkonsultaw fil-Kumitat Konġunt sabiex jiddeterminaw safejn dan il-Ftehim ikun affettwat mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim jew id-deċiżjoni multilaterali u jekk dan il-Ftehim għandux jiġi rrivedut sabiex jiġu kkunsidrati tali żviluppi.

2. Waqt il-perijodu tal-applikazzjoni proviżorja skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 23 (Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Proviżorja) tal-Ftehim, il-ftehim bilaterali elenkati fl-Anness 3 għal dan il-Ftehim għandhom ikunu sospiżi ħlief safejn previst fl-Anness 2 għal dan il-Ftehim. Mad-dħul fis-seħħ skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 23 ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim għandu jieħu post id-dispożizzjonijiet relevanti tal-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 3 għal dan il-Ftehim ħlief safejn previst fl-Anness 2 għal dan il-Ftehim.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'żewġ kopji, fi Brussell fis-sbatax-il jum ta' Diċembru, 2009 bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, u Ungeriża, b'kull verżjoni ugwalment awtentika.

Voor het Koninkrijk België

Pour le Royaume de Belgique

Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

За Република България



Za Českou republiku



På Kongeriget Danmarks vegne



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar cheann Na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grande-Duché de Luxembourg



A Magyar Köztársaság részéről



Għal Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta

För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейската общност
Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Pentru Comunitatea Europeană
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar





For Canada
Pour le Canada



*ANNESS 1*

**SKEDA TAR-ROTOT**

1. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(c) tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tippermetti li l-linji tal-ajru tal-Parti l-oħra jipprovdu trasport fuq ir-rotot speċifikati hawn taħt:

(a) Għal-linji tal-ajru tal-Kanada:

Punti Wara – Punti fil-Kanada – Punti Intermedji – Punti ġewwa u fi ħdan l-Istati Membri – Punti Lil Hinn

(b) Għal-linji tal-ajru tal-Komunità Ewropea:

Punti Wara – Punti fl-Istati Membri – Punti Intermedji – Punti ġewwa u fi ħdan il-Kanada – Punti Lil Hinn

2. Linji tal-ajru ta' Parti jistgħu fir-rigward ta' kwalunkwe titjira jew it-titjiriet kollha u meta jagħżlu huma:

(a) joperaw titjiriet f'xi waħda jew fiż-żewġ direzzjonijiet;

(b) jikkombinaw numri ta' titjiriet differenti fi ħdan operazzjoni waħda ta' inġenju tal-ajru;

(c) iservu punti wara, intermedji u lil hinn u punti fit-territorju ta' kwalunkwe Parti u fi kwalunkwe kombinament jew ordni;

(d) iħallu barra waqfiet fi kwalunkwe punt jew punti;

(e) jittrasferixxu traffiku minn kwalunkwe inġenju tal-ajru tagħhom għal kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor tagħhom mingħajr ebda limitazzjoni fir-rigward ta' tibdil fit-tip jew l-għadd tal-inġenji tal-ajru operati fi kwalunkwe punt;

(f) iservu punti wara kwalunkwe punt fit-territorju ta' dik il-Parti b'tibdil jew mingħajr tibdil ta' inġenji tal-ajru jew in-numru tat-titjira u jżommu u jirreklamaw tali servizzi lill-pubbliku bħala servizzi diretti (through services);

(g) jagħmlu waqfiet skedati qosra fi kwalunkwe punt kemm fit-territorju, kif ukoll barra mit-territorju, ta' xi waħda mill-Partijiet;

(h) iġorru traffiku fi transitu f'punti intermedji u f'punti fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(i) jikkombinaw flimkien traffiku fuq l-istess inġenju tal-ajru irrispettivament minn fejn joriġina tali traffiku; u

(j) jipprovdu servizz permezz ta' codesharing f'konformità mal-Paragrafu 3 tal-Artikolu 13 (Qafas Kummerċjali) ta' dan il-Ftehim;

mingħajr limitazzjoni direzzjonali jew ġeografika u mingħajr telf ta' xi dritt li jġorru traffiku b'mod ieħor permissibbli skont dan il-Ftehim.

*ANNESS 2*

## ARRANĠAMENTI GĦAD-DISPONIBBILTÀ TAD-DRITTIJIET

TAQSIMA 1

### Proprjetà u Kontroll tal-Linji tal-Ajru taż-żewġ Partijiet

1. Minkejja l-Artikolu 4 (Investiment), għandha tkun permessa s-sjieda ta' linji tal-ajru ta' Parti minn ċittadini tal-Partijiet l-oħra kollha, abbażi ta' reċiproċità, sal-punt permess mil-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tal-Kanada rigward l-investiment barrani fil-linji tal-ajru.

2. Minkejja l-paragrafu 2 (c) tal-Artikolu 3 (Nomina, Awtorizzazzjoni u Revoka) u l-Artikolu 4 (Investiment) tal-Ftehim, id-dispożizzjoni li ġejja għandha tapplika fir-rigward ta' sjieda u kontroll fuq il-linji tal-ajru minflok il-paragrafu 2 (c) tal-Artikolu 3 (Nomina, Awtorizzazzjoni u Revoka) sakemm il-liġijiet u r-regolamenti msemmija fil-paragrafu 2 (c) u (d) tat-Taqsima 2 ta' dan l-Anness jiddettaw mod ieħor:

"fil-każ ta' linja tal-ajru tal-Kanada, is-sjieda sostantiva u l-kontroll effettiv tal-linja tal-ajru jkunu f'idejn ċittadini tal-Kanada, il-linja tal-ajru hija lliċenzjata bħala linja tal-ajru Kanadiża, u l-linja tal-ajru għandha l-post prinċipali tan-negozju tagħha fil-Kanada; fil-każ ta' linja tal-ajru ta' Stat Membru, is-sjieda sostantiva u l-kontroll effettiv tal-linja tal-ajru jkunu f'idejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri, l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja jew l-Isvizzera, il-linja tal-ajru hija lliċenzjata bħala linja tal-ajru Komunitarja, u l-linja tal-ajru jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha fi Stat Membru".

TAQSIMA 2

### Disponibbiltà Progressiva tad-Drittijiet tat-Traffiku

1. Meta jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' din it-Taqsima, il-linji tal-ajru tal-Partijiet għandhom igawdu l-flessibbiltajiet operattivi permessi fil-paragrafu 2 tal-Anness 1.

2. Minkejja d-drittijiet tat-traffiku stabbiliti fl-Anness 1 għal dan il-Ftehim:

   (a) meta l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali taż-żewġ Partijiet jippermettu ċittadini tal-Parti l-oħra li jkollhom is-sjieda u l-kontroll sa total ta' 25 fil-mija tad-drittijiet tal-voti tal-linji tal-ajru tagħhom, għandhom japplikaw id-drittijiet li ġejjin:

      (i) għal servizzi ta' kombinament ta' passiġġieri u servizzi ta' merkanzija biss, għal-linji tal-ajru Kanadiżi, id-dritt li jipprovdu trasport internazzjonali bejn kwalunkwe Punt fil-Kanada u kwalunkwe Punt fl-Istati Membri; għal linji tal-ajru Komunitarji, id-dritt li jipprovdu servizzi tal-ajru bejn kwalunkwe Punt fl-Istati Membri u kwalunkwe Punt fil-Kanada. Barra minn hekk, għal servizzi ta' kombinament ta' passiġġieri u servizzi ta' merkanzija biss, għal-linji tal-ajru ta' Parti, id-dritt li jipprovdu trasport internazzjonali lejn u minn Punti f'pajjiżi terzi permezz ta' kwalunkwe punt fit-territorju ta' dik il-Parti b'tibdil jew mingħajr tibdil ta' inġenji tal-ajru jew in-numru tat-titjira u jżommu u jirreklamaw tali servizzi lill-pubbliku bħala servizzi diretti (through services);

      (ii) għal servizzi ta' merkanzija biss, għal-linji tal-ajru taż-żewġ Partijiet, id-dritt li jipprovdu trasport internazzjonali bejn it-territorju tal-Parti l-oħra u punti f'pajjiżi terzi flimkien ma' servizzi bejn punti fit-territorju tagħha u punti fit-territorju tal-Parti l-oħra;

      (iii) għal servizzi ta' kombinament ta' passiġġieri u servizzi ta' merkanzija biss, għal-linji tal-ajru taż-żewġ Partijiet, id-drittijiet operattivi li huma previsti fi ftehim bilaterali tat-trasport bl-ajru bejn il-Kanada u l-Istati Membri elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness 3, u d-drittijiet operattivi f'arranġamenti li kienu qed jiġu applikati bejn il-Kanada u l-Istati Membri individwali, kif speċifikat fit-Taqsima 2 tal-Anness 3. Fl-ambitu tad-drittijiet lil hinn mill-ħames libertà speċifikati f'dan is-subparagrafu, il-limitazzjonijiet kollha għajr il-limitazzjonijiet ġeografiċi, limitazzjonijiet rigward l-għadd tal-punti u l-limitazzjonijiet tal-frekwenza speċifikati m'għandhomx japplikaw aktar; u

      (iv) għal ċertezza akbar, id-drittijiet li jinsabu fis-subparagrafu (i) u (ii) ta' hawn fuq, għandhom ikunu disponibbli meta l-ebda ftehim jew arranġament bilaterali ma kien jeżisiti fid-data meta l-applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew meta d-drittijiet fi ftehim li kienu disponibbli immedjatament qabel l-applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ma jkunux liberali daqs id-drittijiet li hemm fis-subparagrafu (i) u (ii) ta' hawn fuq.

(b) meta l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali taż-żewġ Partijiet jippermettu liċ-ċittadini tal-Parti l-oħra li jkollhom sjieda u kontroll sa total ta' 49 fil-mija tad-drittijiet tal-voti tal-linji tal-ajru tagħhom, għandhom japplikaw id-drittijiet addizzjonali għas-subparagrafu 2 (a) li ġejjin:

(i) għal servizzi ta' kombinament ta' passiġġieri, għal-linji tal-ajru taż-żewġ Partijiet, id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli fi kwalunkwe Punt Intermedju, u għal-linji tal-ajru Kanadiżi, bejn kwalunkwe Punt fl-Istati Membri u kwalunkwe Punt ieħor fl-Istati Membri, sakemm fil-każ tal-linji tal-ajru Kanadiżi s-servizz jinkludi Punt fil-Kanada, u fil-każ tal-linji tal-ajru Komunitarji, is-servizz jinkludi Punt fi kwalunkwe Stat Membru;

(ii) għal servizzi ta' kombinament ta' passiġġieri, għal-linji tal-ajru tal-Kanada, id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn kwalunkwe Punt fl-Istati Membri u kwalunkwe Punt fil-Marokk, l-Isvizzera, iż-Żona Ekonomika Ewropea, u membri oħrajn tal-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni; u

(iii) għal servizzi ta' merkanzija biss, għal-linji tal-ajru ta' Parti, mingħajr il-ħtieġa li jservu Punt fit-territorju ta' dik il-Parti, id-dritt li jipprovdu trasport internazzjonali bejn Punti fit-territorju tal-Parti l-oħra u Punti f'pajjiżi terzi;

(c) meta l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali taż-żewġ Partijiet jippermettu ċittadini tal-Parti l-oħra li jistabbilixxu linja tal-ajru fit-territorju tagħhom għal servizzi tal-ajru nazzjonali u internazzjonali, u skont il-Paragrafi 5, 6 (e) u 9 tal-Artikolu 17 (Kumitat Konġunt) ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-drittijiet addizzjonali għas-subparagrafu 2 (a) u (b) li ġejjin:

(i) għal servizzi ta' kombinament ta' passiġġieri għal-linji tal-ajru taż-żewġ Partijiet, id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe Punt Lil Hinn mingħajr limitazzjonijiet ta' frekwenza.

(d) meta l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali taż-żewġ Partijiet jippermettu s-sjieda u l-kontroll sħiħ tal-linji tal-ajru tagħhom minn ċittadini tal-Parti l-oħra u ż-żewġ Partijiet jippermettu l-applikazzjoni sħiħa tal-Anness 1, skont il-Paragrafi 5, 6 (e) u 9 tal-Artikolu 17 (Kumitat Konġunt) għal dan il-Ftehim u skont konferma mill-Partijiet permezz tal-proċeduri rispettivi tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-Anness 2 ta' hawn fuq m'għandhomx japplikaw aktar u għandu jieħu effett l-Anness 1.

*ANNESS 3*

**FTEHIM BILATERALI BEJN IL-KANADA U L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA**

TAQSIMA 1

Kif previst fl-Artikolu 26 ta' dan il-Ftehim, il-ftehim bilaterali li ġejjin bejn il-Kanada u l-Istati Membri għandhom ikunu sospiżi jew sostitwiti b'dan il-Ftehim:

(a) Ir-Repubblika tal-Awstrija: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern Federali Awstrijak dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fit-22 ta' Ġunju 1993;

(b) Ir-Renju tal-Belġju: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tal-Belġju dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fit-13 ta' Mejju 1986;

(ċ) Ir-Repubblika Ċeka: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Ċeka dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fit-13 ta' Marzu 1996; Skambju ta' Noti li jemenda l-Ftehim, iffirmat fit-28 ta' April 2004 u fit-28 ta' Ġunju 2004;

(d) Ir-Renju tad-Danimarka: Ftehim bejn il-Kanada u d-Danimarka dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn iż-Żewġ Pajjiżi ffirmat fit-13 ta' Diċembru 1949; Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u d-Danimarka relatat mal-Ftehim tal-Ajru ffirmat bejn iż-żewġ Pajjiżi f'Ottawa, fit-13 ta' Diċembru 1949, iffirmat fit-13 ta' Diċembru 1949; Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u d-Danimarka li jemenda l-Ftehim tal-1949 dwar is-Servizzi tal-Ajru, iffirmat fis-16 ta' Mejju 1958;

(e) Ir-Repubblika tal-Finlandja: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tal-Finlandja għas-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi Tagħhom, iffirmat fit-28 ta' Mejju 1990. Skambju ta' Noti li jikkostitwixxi Ftehim li jemenda l-Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tal-Finlandja għas-Servizzi tal-Ajru Bejn u Lil Hinn mit-Territorji Rispettivi Tagħhom, magħmul f'Helsinki fit-28 ta' Mejju 1990, iffirmat fl-1 ta' Settembru 1999;

(f) Ir-Repubblika Franċiża: Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża, iffirmat fil-15 ta' Ġunju 1976. Skambju ta' Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat f'Pariġi fil-15 ta' Ġunju 1976, iffirmat fil-21 ta' Diċembru 1982;

(g) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja: Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iffirmat fis-26 ta' Marzu 1973; Skambju ta' Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru iffirmat f'Ottawa fis-26 ta' Marzu 1973, iffirmat fis-16 ta' Diċembru 1982 u fl-20 ta' Jannar 1983;

(h) Ir-Repubblika Ellenika: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Ellenika dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fl-20 ta' Awwissu 1984; Skambju ta' Noti li jikkostitwixxi Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Ellenika li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru, magħmul f'Toronto fl-20 ta' Awwissu 1984, iffirmat fit-23 ta' Ġunju 1995 u fid-19 ta' Lulju 1995;

(i) Ir-Repubblika tal-Ungerija: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ungerija dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fis-7 ta' Diċembru 1998;

(j) L-Irlanda: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Irlanda għas-Servizzi tal-Ajru bejn iż-żewġ pajjiżi, iffirmat fit-8 ta' Awwissu 1947; Skambju ta' Noti (id-19 ta' April u l-31 ta' Mejju 1948) bejn il-Kanada u l-Irlanda li jemenda l-Ftehim għas-Servizzi tal-Ajru bejn iż-żewġ pajjiżi, iffirmat fil-31 ta' Mejju 1948; Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u l-Irlanda li jikkostitwixxi Ftehim li jemenda l-Anness għall-Ftehim tal-Ajru tat-8 ta' Awwissu 1947, iffirmat fid-9 ta' Lulju 1951. Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u l-Irlanda li jimmodifika l-Ftehim tal-Ajru tat-8 ta' Awwissu 1947 bejn iż-żewġ pajjiżi, iffirmat fit-23 ta' Diċembru 1957;

(k) Ir-Repubblika Taljana: Ftehim bejn il-Kanada u l-Italja għas-Servizzi tal-Ajru, iffirmat fit-2 ta' Frar 1960; Skambju ta' Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika tal-Italja li jikkostitwixxi Ftehim li Jemenda l-Ftehim għas-Servizzi tal-Ajru kif speċifikat fil-Minuta Miftiehma tat-28 ta' April 1972, iffirmat fit-28 ta' Awwissu 1972;

(l) Ir-Renju tal-Olanda: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Renju tal-Olanda relatat mat-Trasport bl-Ajru, iffirmat fit-2 ta' Ġunju 1989; Skambju ta' Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Renju tal-Olanda li jikkostitwixxi Ftehim dwar l-Operat ta' Titjiriet Mhux skedati (ċarter), iffirmat fit-2 ta' Ġunju 1989;

(m) Ir-Repubblika tal-Polonja: Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja, iffirmat fl-14 ta' Mejju 1976; Skambju ta' Noti li jikkostitwixxi ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Polonja relatat mal-Artikoli IX, XI, XIII u XV tal-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru ffirmat fl-14 ta' Mejju 1976, iffirmat fl-istess data;

(n) Il-Repubblika Portugiża: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tal-Portugall għas-Servizzi tal-Ajru bejn it-Territorji Kanadiżi u Portugiżi, iffirmat fil-25 ta' April 1947. Skambju ta' Noti bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika tal-Portugall li jemenda l-Paragrafi 3 u 4 tal-Anness għall-Ftehim għas-Servizzi tal-Ajru bejn iż-żewġ pajjiżi ffirmat f'Lisbona fil-25 ta' April 1947, iffirmat fl-24 u fit-30 ta' April 1957. Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u l-Portugall li jemendaw il-Paragrafu 7 tal-Anness għall-Ftehim għas-Servizzi tal-Ajru bejn iż-żewġ pajjiżi, iffirmat fil-5 u fit-31 ta' Marzu 1958;

(o) Ir-Rumanija: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija dwar it-Trasport Ċivili bl-Ajru, iffirmat fis-27 ta' Ottubru 1983;

(p) Ir-Renju ta' Spanja: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern ta' Spanja dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-15 ta' Settembru 1988;

(q) Ir-Renju tal-Isvezja: Ftehim bejn il-Kanada u l-Isvezja għas-Servizzi tal-Ajru bejn it-Territorji Kanadiżi u Svediżi, iffirmat fis-27 ta' Ġunju 1947; Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u l-Isvezja li jissupplimenta l-Ftehim għas-Servizzi tal-Ajru bejn it-Territorji Kanadiżi u Svediżi, iffirmat fis-27 ta' Ġunju u t-28 ta' Ġunju 1947. Skambju ta' Noti bejn il-Kanada u l-Isvezja li jemenda l-Ftehim tal-1947 dwar is-servizzi tal-ajru, iffirmat fis-16 ta' Mejju 1958; u,

(r) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq: Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward is-Servizzi tal-Ajru, iffirmat fit-22 ta' Ġunju 1988.

## TAQSIMA 2

Għall-finijiet tal-Anness 2, Taqsima 2, id-drittijiet li ġejjin għandhom ikunu disponibbli skont is-subparagrafu 2(a)(iii):

Parti 1 għal-Linji tal-Ajru tal-Kanada

Flimkien mal-operar ta' servizzi kkombinati tal-passiġġieri bejn il-Kanada u l-Istati Membri individwali, u fl-operar ta' servizzi esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija, il-linji tal-ajru tal-Kanada għandhom igawdu mid-drittijiet li ġejjin:

| Stat Membru | Drittijiet tat-Traffiku |
|---|---|
| Bulgarija | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli f'żewġ punti li għad iridu jiġu determinati, li jistgħu jkunu servuti bħala punti intermedjarji lejn u/jew lil hinn minn Sofia. |
| Repubblika Ċeka | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli f'mhux iktar minn erba' punti skont l-għażla tal-Kanada, li jistgħu jkunu servuti bħala punti intermedjarji lejn u lil hinn minn Praga u punt ieħor fir-Repubblika Ċeka. |
| Danimarka | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Kopenħagen u:<br>(a) Amsterdam u Ħelsinki; jew<br>(b) Amsterdam u Moska;<br>Amsterdam tista' sservi bħala punt intermedjarju jew bħala punt lil hinn. Ħelsinki u Moska għandhom ikunu servuti bħala punti lil hinn. |
| Ġermanja | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà jistgħu jkunu eżerċitati bejn punti intermedjarji fl-Ewropa u punti fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u bejn punti fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u punti lil hinn. |
| Greċja | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli f'punti intermedjarji lejn u/jew lil hinn minn Ateni u żewġ punti oħra fil-Greċja apparti punti li jinsabu fit-Turkija u l-Iżrael. L-għadd totali ta' punti intermedjarji u ta' punti lil hinn li jistgħu jkunu servuti fl-istess ħin mad-drittijiet tal-ħames libertà ma għandux ikun iktar minn ħamsa li minnhom mhux iktar minn erbgħa jistgħu jkunu punti intermedjarji. |
| Irlanda | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn punti fl-Irlanda u punti intermedjarji, u bejn punti fl-Irlanda u punti lil hinn mill-Irlanda. Għas-servizzi li huma esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija, id-dritt għandu jkun disponibbli sabiex ikun ipprovdut trasport internazzjonali bejn punti fl-Irlanda u punti fil-pajjiżi terzi mingħajr ma jkun hemm rekwiżit sabiex ikun servut xi punt fil-Kanada. |

| Stat Membru | Drittijiet tat-Traffiku |
|---|---|
| Italja | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn żewġ punti intermedjarji fl-Ewropa u Ruma u/jew Milan. Il-punti intermedjarji li għalihom jeżistu d-drittijiet tal-ħames libertà jistgħu jkunu servuti wkoll bħala punti lil hinn. |
| Polonja | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Varsavja u żewġ punti intermedjarji fl-Ewropa li għandhom jintgħażlu mill-Kanada minn fost il-bliet li ġejjin: Brussell, Kopenħagen, Praga, Shannon, Stokkolma, Vjenna u Zurich. |
| Portugall | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn punti fil-Portugall u punti intermedjarji, u bejn punti fil-Portugall u punti lil hinn mill-Portugall. |
| Spanja | Id-drittijiet tal-ħames libertà bejn punti intermedjarji u lil hinn għandhom ikunu disponibbli:<br>(a) Bejn Madrid u tliet punti oħra fi Spanja, u punti fl-Ewropa (minbarra Munich, id-Danimarka, l-Iżvezja, in-Norveġja, l-Italja u r-Repubbliki tal-ex-Unjoni Sovjetika); u<br>(b) Bejn Madrid u punt ieħor fi Spanja u punti fl-Afrika u l-Lvant Nofsani, kif imfisser mill-ICAO fid-Dokument Nru 9060-AT/723.<br>Ma jistgħux jiġu eżerċitati iktar minn erba' drittijiet tal-ħames libertà fl-istess ħin. |
| Svezja | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Stokkolma u:<br>(a) Amsterdam u Ħelsinki; jew<br>(b) Amsterdam u Moska.<br>Amsterdam tista' sservi bħala punt intermedjarju jew bħala punt lil hinn. Ħelsinki u Moska għandhom ikunu servuti bħala punti lil hinn. |
| Renju Unit | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn punti fir-Renju Unit u punti intermedjarji, u bejn punti fir-Renju Unit u punti lil hinn. Għas-servizzi li huma esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija, id-dritt għandu jkunu disponibbli sabiex ikun ipprovdut trasport internazzjonali bejn punti fir-Renju Unit u punti fil-pajjiżi terzi mingħajr ma jkun hemm rekwiżit li jkun servut xi punt fil-Kanada. |

Parti 2 għal-Linji tal-Ajru tal-Komunità Ewropea:

Flimkien mal-operar ta' servizzi kkombinati tal-passiġġieri bejn il-Kanada u l-Istati Membri individwali u fl-operar ta' servizzi esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija, il-linji tal-ajru tal-Komunità għandhom igawdu mid-drittijiet li ġejjin:

| Stat Membru | Drittijiet tat-Traffiku |
|---|---|
| Belġju | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u żewġ punti lil hinn fl-Istati Uniti tal-Amerika li jinsabu fil-Lvant ta' Chicago u li jinkluduha u t-Tramuntana ta' Washington D.C. u li jinkluduha. |
| Bulgarija | Id-drittijiet tal-ħames libertà jistgħu jkunu eżerċitati f'punt lil hinn fl-Istati Uniti tal-Amerika fil-lvant ta' Chicago u li jeskludiha u fit-Tramuntana ta' Wahington, D.C. u li jinkludiha. L-ebda dritt tal-ħames libertà ma għandu jkun disponibbli f'każ li Montreal u Ottawa jingħaqdu f'titjira waħda biex jiġbru passiġġiera ġodda. L-ebda dritt tal-ħames libertà ma għandu jkun disponibbli fil-punti intermedjarji. |
| Repubblika Ċeka | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u żewġ punti lil hinn fl-Istati Uniti tal-Amerika, li jinsabu fit-Tramuntana ta' Washington D.C. u li jinkluduha u fil-lvant ta' Chicago u li jinkluduha. |
| Danimarka | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u Chicago u bejn Montreal u Seattle. Chicago tista' sservi bħala punt intermedjarju jew bħala punt lil hinn. Seattle jista' jservi biss bħala punt lil hinn. |
| Ġermanja | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli biss bejn Montreal u punt ieħor lil hinn fi Florida. Bħala alternattiva, id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u żewġ punti oħra lil hinn u l-Istati Uniti tal-Amerika Kontinentali li jeskludu punti fl-istati ta' California, Colorado, Florida, Georgia, Oregon, Texas u Washington. |
| Greċja | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u Boston jew bejn Montreal u Chicago jew lil hinn minn Toronto sa punt li għandu jiġi determinat mir-Repubblika Ellenika fl-Istati Uniti tal-Amerika, bl-eċċezzjoni ta' punti f'California, Texas u Florida. |

| Stat Membru | Drittijiet tat-Traffiku |
|---|---|
| Irlanda | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn il-Kanada u punti intermedjarji, u bejn il-punti fil-Kanada u punti lil hinn mill-Kanada. Għas-servizzi li huma esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija, id-dritt għandu jkun disponibbli sabiex ikun ipprovdut trasport internazzjonali bejn punti fil-Kanada u punti fil-pajjiżi terzi mingħajr ma jkun hemm rekwiżit sabiex ikun servut xi punt fl-Irlanda. |
| Italja | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn żewġ punti intermedjarji fil-Grigal tal-Istati Uniti tal-Amerika (it-Tramuntana ta' Washington u li jinkluduha; fil-lvant ta' Chicago u li jinkluduha) u Montreal u/jew Toronto. Il-punti intermedjarji li għalihom jeżistu d-drittijiet tal-ħames libertà jistgħu jkunu servuti wkoll bħala punti lil hinn. |
| Polonja | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u New York bħala punt intermedjarju jew lil hinn. |
| Portugall | Id-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli għal punti bejn il-Kanada u punti intermedjarji, u bejn punti fil-Kanada u punti lil hinn. |
| Spanja | Id-drittijiet tal-ħames libertà bejn punti intermedjarji u lil hinn għandhom ikunu disponibbli:<br>(a) Bejn Montreal u tliet punti oħra fil-Kanada, u Chicago, Boston, Philadelphia, Baltimore, Atlanta, Dallas/Ft. Worth u Houston; u<br>(b) Bejn Montreal u Mexico City.<br>Ma jistgħux jiġu eżerċitati iktar minn erba' drittijiet tal-ħames libertà fl-istess ħin. |
| Svezja | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn Montreal u Chicago u bejn Montreal u Seattle. Chicago tista' sservi bħala punt intermedjarju jew bħala punt lil hinn. Seattle jista' jservi biss bħala punt lil hinn. |
| Renju Unit | Id-drittijiet tal-ħames libertà għandhom ikunu disponibbli bejn punti fil-Kanada u punti intermedjarji u bejn punti fil-Kanada u punti lil hinn mill-Kanada. Għas-servizzi li huma esklussivament għall-ġarr tal-merkanzija, id-dritt għandu jkun disponibbli sabiex ikun ipprovdut trasport internazzjonali bejn punti fil-Kanada u punti fil-pajjiżi terzi mingħajr ma jkun hemm rekwiżit sabiex ikun servut xi punt fir-Renju Unit. |

## TAQSIMA 3

Minkejja l-Artikolu 1 ta' dan l-Anness, għaż-żoni li ma humiex inklużi fit-tifsira ta' "Territorju" fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim, il-ftehim fil-Paragrafi (d) Ir-Renju tad-Danimarka, (f) Ir-Repubblika Franċiża, (l) Ir-Renju tal-Olanda, u (r) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ikomplu japplikaw, skont it-termini tagħhom.

**Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Kanada li għandha ssir waqt l-iffirmar**

"Rigward l-Artikolu 26 (2), il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jikkonfermaw li l-frażi 'il-ftehimiet bilaterali fis-seħħ elenkati fl-Anness 3 għandhom ikunu sospiżi ħlief safejn previst fl-Anness 2' għandha l-istess effett bħallikieku kien iddikjarat li d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Ftehim għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali fis-seħħ elenkati fl-Anness 3."

---

**Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Kanada li għandha ssir waqt l-iffirmar**

"Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha jiċċaraw li l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra, b'mod partikolari fl-Artikolu 8 tiegħu, ma jipprevedix l-eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), bl-eċċezzjoni ta' taxxa fuq il-fatturat fuq l-importazzjonijiet, u ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jintaxxaw karburant għall-avjazzjoni għal titjiriet domestiċi jew intraKomunitarji f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE."

---

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbigħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT